IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.3.2012
COM(2012) 131 final

2012/0061 (COD)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 63 final}
{SWD(2012) 64 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

*Kuntest ġenerali*

Il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi huma prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-moviment liberu tal-ħaddiema jrid ikun maqtugħ għalih mil-libertà ta' provvista ta' servizzi skont l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Il-*moviment liberu tal-ħaddiema* jagħti lil kull ċittadin id-dritt li jmur liberament fi Stat Membru ieħor biex jaħdem u jirrisjedi hemm għal dak l-għan u jipproteġih mid-diskriminazzjoni fir-rigward ta' impjieg, remunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra tax-xogħol meta mqabbla ma' dawk li għandhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru. B'kuntrast, il-*libertà ta' provvista ta' servizzi* tagħti lin-negozji d-dritt li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor. Għal dan l-għan, jistgħu jibagħtu ('jistazzjonaw') il-ħaddiema tagħhom temporanjament fl-Istat Membru l-ieħor biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu s-servizzi. Il-ħaddiema stazzjonati f'dan is-sens huma koperti bid-Direttiva 96/71/KE[1].

Din id-Direttiva għandha l-għan li tirrikonċilja l-eżerċizzju ta' din il-libertà ta' provvista ta' servizzi bejn il-fruntieri skont l-Artikolu 56 tat-TFUE b'ħarsien xieraq tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati temporanjament barra minn pajjiżhom għal dan l-għan. Biex tagħmel dan hija tistabbilixxi regoli mandatorji fuq livell tal-UE li għandhom japplikaw għall-ħaddiema stazzjonati fil-pajjiż li jospita[2]. Hija tistabbilixxi nukleu ta' patti u kondizzjonijiet ta' xogħol u impjieg li huma definiti b'mod ċar u li għandhom jiġu osservati mill-fornitur tas-servizzi fil-pajjiż li jospita biex ikun żgurat il-livell minimu ta' ħarsien tal-ħaddiema. Għalhekk din id-Direttiva tipprovdi livell sinifikanti ta' ħarsien għall-ħaddiema, li jistgħu jkunu vulnerabbli minħabba l-qagħda tagħhom (impjieg temporanju f'pajjiż barrani, id-diffikultà biex jiksbu rappreżentanza xierqa, in-nuqqas ta' għarfien tal-liġijiet, tal-istituzzjonijiet u tal-lingwa lokali). Id-Direttiva għandha wkoll rwol ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent ta' kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri kollha tas-servizzi (inklużi dawk minn Stati Membri oħra) billi tiggarantixxi kemm kondizzjonijiet indaqs, kif ukoll ċertezza legali għall-fornituri tas-servizzi, għar-riċevituri tas-servizzi, u għall-ħaddiema stazzjonati biex jipprovdu servizzi.

*Kontenuti ewlenin tad-Direttiva 96/71/KE*

Id-Direttiva tapplika għal negozji li jistazzjonaw il-ħaddiema temporanjament fi Stat Membru ieħor li mhux dak li l-liġijiet tiegħu jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-impjieg. Hija tkopri tliet sitwazzjonijiet transfruntiera, li huma:

---

[1] Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, ĠU 1997 L 18

[2] Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - L-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-għoti ta' servizzi: jintlaħqu l-aħjar benefiċċji u l-potenzjali filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema, COM(2007) 304 finali.

– Stazzjonament b’kuntratt konkluż bejn in-negozju li jistazzjona u l-parti li għaliha huma maħsuba s-servizzi ("kuntrattar/subkuntrattar");

– Stazzjonament fi stabbiliment jew negozju li jappartjeni għall-grupp fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor (‘trasferimenti intra-korporattivi’),

– Il-kiri min-naħa ta’ ditta ta’ impjieg temporanju jew aġenzija ta’ stazzjonament lil negozju utenti stabbilit fi Stat Membru ieħor,

bil-kondizzjoni li, fit-tliet sitwazzjonijiet, teżisti relazzjoni ta’ impjieg bejn in-negozju li jistazzjona u l-ħaddiem matul il-perjodu ta’ stazzjonament[3].

In-nukleu ta’ patti u kondizzjonijiet ta’ xogħol u impjieg li miegħu jrid ikun hemm konformità, kif iddefinit fl-Artikolu 3.1 tad-Direttiva, jinkludi:

– il-perjodi massimi ta' xogħol u l-perjodi minimi ta' mistrieħ;

– l-ammont minimu tal-vaganzi annwali mħallsa ;

– ir-rati minimi ta' ħlas, li jinkludu rati ta' sahra; (dan ma japplikax għal skemi ta’ pensjoni supplementari għall-irtirar mix-xogħol);

– il-kondizzjonijiet tal-kiri ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-provvista ta' ħaddiema minn ditti ta' impjieg temporanju;

– is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol;

– miżuri protettivi rigward il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' nisa tqal jew nisa li għadhom kif welldu reċentement, tfal u żgħażagħ;

– it-trattament ugwali bejn irġiel u nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar in-nondiskriminazzjoni.

Fejn dawn il-patti u l-kondizzjonijiet ta’ impjieg huma stipulati b’liġi, regolament jew dispożizzjonijiet amministrattivi l-Istati Membri jridu japplikawhom għall-ħaddiema stazzjonati fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri bl-istess mod iridu japplikawhom fil-każ tal-ħaddiema stazzjonati jekk jingħataw is-sensja minħabba ftehimiet kollettivi jew għotjiet ta’ arbitraġġ li jkunu ġew iddikjarati applikabbli b’mod universali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(8), sa fejn jirrigwardaw l-attivitajiet imsemmija fl-Anness tad-Direttiva (xogħol ta’ bini). Fir-rigward ta’ attivitajiet oħra, l-Istati Membri jitħallew li jagħżlu li jimponu patti u kondizzjonijiet ta’ impjieg stipulati b’dawn il-ftehimiet kollettivi jew għotjiet ta’ arbitraġġ (Artikolu 3(10), it-tieni inċiż). Huma jistgħu wkoll, b’konformità mat-Trattat, jimponu patti u kondizzjonijiet ta’ impjieg fi kwistjonijiet għajr dawk imsemmija fid-Direttiva fil-każ ta’ dispożizzjonijiet dwar politika pubblika (Artikolu 3(10), l-ewwel inċiż).

Id-Direttiva ma tobbligax l-Istati Membri li jistabbilixxu pagi minimi. Dakinhar tal-adozzjoni tad-Direttiva, il-Kunsill u l-Kummissjoni għamlu din l-istqarrija: ‘L-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 3(1) ma fihomx, fir-rigward tal-Istati Membri li l-leġiżlazzjoni

[3] L-Artikolu 1(1) u (3) (a) - (c).

tagħhom ma fiha ebda dispożizzjoni għall-pagi minimi, implikazzjoni ta' xi obbligu li ssir dispożizzjoni għal dawn il-pagi. '[4]

Għalkemm id-Direttiva ma tapplikax direttament għal negozji stabbiliti f'pajjiżi terzi, l-Artikolu 1(4)jipprovdi għal negozji stabbiliti f'pajjiż terz biex ma jingħatawx trattament aktar favorevoli min-negozji stabbiliti fi Stat Membru. Dan ifisser li l-Istati Membri ma għandhomx jipprovdu lil negozji stabbiliti f'pajjiż terz b'pożizzjoni kompetittiva aktar vantaġġuża fil-konfront tan-negozji stabbiliti fi Stat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-ispejjeż tal-pagi. Għaldaqstant id-Direttiva b'mod indirett tistabbilixxi livell minimu ta' ħarsien għall-ħaddiema tagħhom.

Barra minn hekk, l-Artikoli 4, 5 u 6 tad-Direttiva fihom dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-kooperazzjoni amministrattiva, l-infurzar u l-ġurisdizzjoni.

*Il-kuntest politiku - żviluppi mill-adozzjoni tad-Direttiva fl-1996*

Diġà qabel l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema, il-kwistjoni dwar jekk, u jekk huwa il-każ, sa fejn, ir-regolamenti tal-impjieg nazzjonali jistgħux jiġu applikati għall-ħaddiema li joffru servizz barrani, kienet wasslet għal kontroversja kbira kif jidher mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea (QEĠ).

Il-Kummissjoni evalwat l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-Direttiva u adottat rapport fl-2003[5]. Dan ir-rapport identifika bosta nuqqasijiet u problemi ta' implimentazzjoni u/jew applikazzjoni tad-Direttiva mhux korretti f'ċerti Stati Membri.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat fl-2006[6] linji gwida bl-għan li tiċċara sa fejn ċerti miżuri nazzjonali ta' kontroll jistgħu jkunu ġġustifikati u pproporzjonati fid-dawl tal-liġi attwali tal-UE kif interpretata fil-każisitika tal-Qorti. F'Komunikazzjoni oħra fl-2007[7] ġew indikati bosta nuqqasijiet kemm fir-rigward ta' kif twettqu l-kontrolli f'ċerti Stati Membri kif ukoll dwar il-kwalità fqira tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-aċċess għall-informazzjoni[8].

Is-sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-każijiet Viking-Line, Laval, Rüffert u l-Kummissjoni vs il-Lussemburgu[9], taw lok għal dibattitu intensiv fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-akkademiċi u s-sħab soċjali. Dan kien iffukat fuq żewġ kwistjonijiet ewlenin.

L-ewwel kwistjoni kienet dwar kif tistabbilixxi bilanċ tajjeb bejn l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva mit-trejdjunjins, inkluż id-dritt tal-istrajk, u l-libertajiet ekonomiċi

---

4 Dokument tal-Kunsill 10048/96 ADDI tal-20 ta' Settembru 1996.

5 Rapport mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, 2003. Jinsab fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers

6 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni - Linji gwida dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi, COM (2006) 159 finali.

7 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni - L-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-għoti ta' servizzi: jintlaħqu l-aħjar benefiċċji u l-potenzjali filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema, COM(2007) 304 finali.

8 Għal aktar dettalji: L-istudju 'Information provided on the posting of workers', F. Muller, Strasbourg, Settembru 2010. Jinsab fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers.

9 Il-każijiet tal-QĠUE tal-11 ta' Diċembru 2007, *Viking* (C-438/05), tat-18 ta' Diċembru 2007, *Laval* (C-341/05), tat-3 ta'April 2008, *Rüffert* (C-346/06), tad-19 ta' Ġunju 2008, *il-Kummissjoni v il-Lussemburgu* (C-319/06).

minquxa fit-TFUE, b'mod partikolari l-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista tas-servizzi. It-tieni kwistjoni kienet dwar kif tinterpreta xi dispożizzjonijiet ewlenin fid-Direttiva 96/71/KE, bħall-kunċett tal-politika pubblika, il-kamp ta' applikazzjoni materjali tal-patti u l-kondizzjonijiet tal-impjieg imposti bid-Direttiva u n-natura tar-regoli obbligatorji, b'mod partikolari l-paga minima.

Waqt il-preżentazzjoni tiegħu tal-prijoritajiet politiċi quddiem il-Parlament Ewropew fil-15 ta' Settembru 2009, il-President Barroso għaraf il-ħtieġa li jindirizza t-tħassib u l-kwistjonijiet li tqajmu minn bosta partijiet interessati matul id-dibattitu u ħabbar inizjattiva leġiżlattiva biex issolvi l-problemi dwar l-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema.

Ir-rapport dwar it-tnedija mill-ġdid tal-Suq Uniku[10], imressaq mill-Professur Monti fid-9 ta' Mejju 2010, wkoll indirizza dan it-tħassib. Huwa għaraf li l-kontroversja li qamet wara s-sentenzi 'għandha l-potenzjali li tbiegħed mis-Suq Uniku u l-UE parti mill-opinjoni pubblika, movimenti tal-ħaddiema u trejdjunjons, li tul iż-żmien kienu sostenituri ewlenin tal-integrazzjoni ekonomika'. Huwa żied li 'l-każijiet tal-Qorti esponew il-qasma serja li hemm bejn is-Suq Uniku u d-dimensjoni soċjali fil-livell nazzjonali'.

Qabel dan, fl-2008, il-Kummissjoni kienet adottat Rakkomandazzjoni[11] li tagħmel sejħa lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni urġenti biex itejbu s-sitwazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, skambju ta' informazzjoni aktar effettiv bejn l-Istati Membri, aċċess aħjar għall-informazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prassi. Fl-istess sena, hija wkoll stabbilixxiet[12] Kumitat Espert dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema, li kien fih rappreżentanti mill-Istati Membri u mis-sħab soċjali, bl-għan li jiġu diskussi u ċċarati l-problemi ta' implimentazzzjoni u ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

*Il-vastità tal-fenomenu tal-istazzjonament*

L-analiżi tal-istazzjonament bħala fenomenu ekonomiku u soċjali, maqtuh għalih u distint mill-evidenza anedottali, hija mxekkla min-nuqqas ta' ċifri eżatti u mill-kwalità fqira tal-bażi tad-dejta. L-unika sors ta' dejta disponibbli fil-livell tal-UE tissejjes fuq il-ġbir sistematiku ta' dejta taċ-ċertifikati E101 (2005-2009) fil-qasam tas-sigurtà soċjali, imwettaq mid-DĠ EMPL bil-kooperazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali[13]. Iżda din il-bażi ta' dejta għandha bosta limitazzjonijiet[14].

Meqjusa dawn ir-riżervi, wieħed jista' jgħid li madwar miljun ħaddiem huma stazzjonati kull sena minn min iħaddimhom minn Stat Membru għal ieħor. L-istazzjonament għaldaqstant jikkonċerna sehem żgħir biss mill-popolazzjoni attiva (0,4 % tal-popolazzjoni attiva tal-pajjiżi

---

10 Strateġija ġdida għas-Suq Uniku – għas-servizz tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa, Rapport lill-President tal-Kummissjoni Ewropea José Manuel Barroso minn Mario Monti, 9 ta' Mejju 2010.

11 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2008 dwar kooperazzjoni amministrattiva msaħħa fil-kuntest tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-forniment tas-servizzi. ĠU C 85, 4.4.2008, p.1-4.

12 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi Kumitat ta' Esperti dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema (2009/17/KE), ĠU L 8/26, 13.1.2009.

13 Il-Kummissjoni Ewropea (2011), "L-istazzjonament tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-EFTA: Rapport dwar iċ-ċertifikati E101 maħruġa fl-2008 u l-2009"; Il-Kummissjoni Ewropea (2011), "Ġbir ta' dejta amministrattiva dwar iċ-ċertifikati E101 maħruġa fl-2007".

14 Cf IA, paġna […]

mittenti tal-UE-15 u 0,7 % tal-popolazzjoni attiva tal-pajjiżi mittenti tal-UE-12). Iżda, f'termini ta' mobilità tal-ħaddiema fi ħdan l-UE, l-għadd ta' stazzjonamenti kien jirrappreżenta 18,5 % taċ-ċittadini li mhumiex mill-pajjiżi tal-UE-27 fil-forza tax-xogħol fl-2007. Għalhekk jista' jiġi konkluż illi filwaqt li l-istazzjonament huwa fenomenu sinifikanti f'termini ta' mobilità tal-ħaddiema, speċjalment f'ċerti pajjiżi u setturi, xorta jibqa' fenomenu żgħir fis-suq tax-xogħol tal-UE. [15]

Madankollu, hemm għadd sinifikanti ta' ħaddiema stazzjonati f'xi Stati Membri (il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, il-Belġju jew il-Polonja) u l-fenomenu dejjem qed jinfirex aktar u issa qed jaffettwa l-Istati Membri kollha bħala pajjiżi li jibagħtu u/jew jirċievu l-ħaddiema. L-importanza ekonomika tal-istazzjonament ukoll tiżboq bil-wisq id-daqs kwantitattiv tiegħu, billi dan jista' jkollu rwol kruċjali biex jiġi indirizzat in-nuqqas temporanju fil-provvista tax-xogħol f'ċerti professjonijiet jew setturi (eż. il-kostruzzjoni, it-trasport). Barra minn hekk, l-istazzjonament tal-ħaddiema jtejjeb il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi bil-vantaġġi kollha magħrufa u marbuta mas-Suq Uniku (iżjed kompetizzjoni, żieda fl-effiċjenza eċċ.).

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-ISTIMI TAL-IMPATT

### 2.1. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Is-sentenzi tal-Qorti fil-każijiet Viking-Line, Laval, Rüffert u l-Kummissjoni vs. il-Lussemburgu fl-2007-2008 qajmu dibattitu kbir u b'mod partikolari fuq il-konsegwenzi tal-libertà ta' provvista ta' servizz u l-libertà tal-istabbiliment għal dak li huwa l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema u r-rwol tat-trejdjunjins fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema f'sitwazzjonijiet transkonfinali.

It-trejdjunjins Ewropej u xi gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew iqisu dawn is-sentenzi bħala anti-soċjali. L-ETUC tirreferi għalihom bħala 'liċenzja għad-dumping soċjali'. Iridu li l-leġiżlazzjoni tiġi emendata biex is-sitwazzjoni legali tkun ċara u ma tippermettix lill-imħalfin jieħdu deċiżjoni kontra dak li huma jqisu bħala l-interessi tal-ħaddiema fil-ġejjieni. Għal dan l-għan ressqu żewġ talbiet ewlenin għal:

– reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema (Direttiva 96/71/KE) biex tiġi inkluża referenza għall-prinċipju ta' 'paga indaqs għal xogħol indaqs' u 'l-Istat Membru li jospita' jitħalla japplika kondizzjonijiet aktar favorevoli mill-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ewlenin jew ta' nukleu skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva;

– l-introduzzjoni ta' 'Protokoll ta' Progress Soċjali' fit-Trattat biex tingħata prijorità lid-drittijiet soċjali fondamentali fuq il-libertajiet ekonomiċi.

Partijiet oħra interessati għandhom pożizzjoni differenti. BusinessEurope laqgħet il-kjarifika li ġabu d-deċiżjonijiet tal-Qorti u ma jqisux li d-Direttiva teħtieġ reviżjoni. Bosta Stati

[15] Cf. Idea Consult (ara n-nota 28 f'qiegħ il-paġna), sommarju eżekuttiv. Il-perċentwali hija biss indikazzjoni approssimattiva tal-piż tal-istazzjonament ta' ċittadini tal-UE-27 li mhumiex tal-pajjiż fil-forza tax-xogħol (x'aktarx li hija stima għolja). Minn banda waħda, ċertifikat E101 ma jirrappreżentax l-ekwivalenti ta' ħaddiem full-time għal sena, u mill-banda l-oħra, l-istħarriġ dwar il-forza tax-xogħol li jipprovdi d-dejta dwar ċittadini tal-UE-27 mhux tal-pajjiż fil-forza tax-xogħol ma jkoprix il-ħaddiema stazzjonati.

Membri esprimew opinjonijiet simili. L-Istati Membri l-aktar affettwati mid-deċiżjonijiet (SE, DE, LU u DK) immodifikaw il-leġiżlazzjoni tagħhom biex jiġu konformi mad-deċiżjonijiet.

F'Ottubru 2008, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tagħmel sejħa lill-Istati Membri kollha biex jinfurzaw kif xieraq id-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema u titlob lill-Kummissjoni biex ma teskludix reviżjoni parzjali tad-Direttiva wara li tevalwa fil-fond il-problemi u l-isfidi[16]. Fl-istess waqt, huwa enfasizza li peress li l-libertà li jkunu offruti s-servizzi "hija waħda mill-punti fundamentali tal-proġett Ewropew; jikkunsidra madankollu li dan għandu jkun ibbilanċat, min-naħa, fir-rigward tad-drittijiet fundamentali u l-objettivi soċjali stabbiliti fit-Trattati, u min-naħa l-oħra rigward id-dritt tas-sħab pubbliċi u soċjali biex jiżguraw in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, it-trattament ugwali, u t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-għejxien u tax-xogħol"[17]. Fit-2 ta' Ġunju 2010, il-Kumitat dwar l-Impjieg u l-Affarijiet Soċjali organizza seduta ta' tliet esperti (li kienu jirrappreżentaw lill-Kummissjoni, l-ETUC u l-BE) fejn l-MEPs tal-S&D, tax-Xellug u l-Ħodor, sejħu għall-azzjoni biex tittieħed mill-Kummissjoni, simili ħafna għall-proposti tal-ETUC.

Fuq stedina konġunta mill-Kummissarju Špidla u l-Ministru Bertrand (bħala President tal-Kunsill) waqt il-Forum ta' Ottubru 2008, is-sħab soċjali Ewropej qablu li jwettqu analiżi konġunta tal-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-Qorti fil-kuntest tal-mobilità u l-globalizzazzjoni. F'Marzu tal-2010[18], is-sħab soċjali Ewropej ressqu rapport dwar il-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet tal-QEĠ. Id-dokument kixef id-diverġenzi wiesgħa ta' bejnithom. Filwaqt li Business Europe ma taqbilx mar-reviżjoni tad-Direttiva (iżda taċċetta l-ħtieġa għal kjarifika ta' ċerti aspetti marbuta mal-infurzar), l-ETUC trid taraha emendata kollha kemm hi.

Fl-2010, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta Opinjoni dwar id-"Dimensjoni Soċjali tas-Suq Uniku[19]" fejn talab implimentazzjoni aktar effettiva tad-Direttiva 96/71/KE u esprima l-appoġġ tiegħu għal inizjattiva tal-Kummissjoni biex tiċċara l-obbligi legali għall-awtoritajiet nazzjonali, in-negozju u l-ħaddiema, inkluża reviżjoni parzjali tad-Direttiva. L-opinjoni tkompli tħeġġeġ lill-Kummissjoni teżenta d-dritt tal-istrajk mis-Suq Uniku u titkixxef dwar l-idea ta' "Interpol Soċjali Ewropew", li jagħti l-appoġġ tiegħu fl-attivitajiet tal-ispettorati tax-xogħol tal- Istati Membri varji.

B'għarfien tal-kontroversja kkawżata bid-deċiżjonijiet tal-Qorti l-Professur Monti fir-rapport tiegħu "Strateġija ġdida għas-Suq Intern" irrakkomanda li:

– "Tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema u tissaħħaħ id-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema u l-kumpaniji, il-kooperazzjoni amministrattiva u s-sanzjonijiet fil-qafas tal-moviment liberu tal-persuni u l-provvista transkonfinali tas-servizzi;

– Tidħol dispożizzjoni li tiggarantixxi d-dritt tal-istrajk imfassla fuq l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2679/98 (l-hekk imsejjaħ *Regolament Monti*) u

---

16 Riżoluzzjoni tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar sfidi għall-ftehim kollettiv fl-UE (2008/2085(INI)), punt risp. 25 u 30.

17 Punt 1; ara wkoll il-punti 17 u 31

18 It-test ġie ppreżentat matul il-konferenza ta' Oviedo f'Marzu 2010, organizzata mill-Presidenza Spanjola. Id-dibattiti għal darb'oħra wrew il-fehmiet differenti fost il-partijiet interessati.

19 Opinjoni 2011/C 44/15.

mekkaniżmu għar-resoluzzjoni informali tat-tilwim dwar ix-xogħol li jirrigwarda l-applikazzjoni tad-Direttiva."

F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika dwar kif issaħħaħ mill-ġdid is-Suq Uniku bil-Komunikazzjoni tagħha "Lejn Att dwar is-Suq Uniku - Għal ekonomija soċjali tas-suq kompettiva ħafna – 50 proposta biex intejbu xogħlna, in-negozju u l-iskambji bejn xulxin"[20]. Hija ressqet żewġ proposti (numru 29 u 30) imfassla biex jiksbu lura l-fiduċja u l-appoġġ fost iċ-ċittadini, waħda dwar il-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali fondamentali u l-libertajiet ekonomiċi u oħra dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema.

– Proposta nru 29: 'Abbażi tal-istrateġija l-ġdida tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni se tiżgura li d-drittijiet iggarantiti mill-Karta, inkluż id-dritt għal azzjonijet kollettivi, ikunu kkunsidrati. '

– Proposta nru 30: "Fl-2011, il-Kummissjoni se tadotta proposta leġislattiva bl-għan li ttejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema, li se tinkludi jew tkun kompletata permezz ta' kjarifika tal-eżerċizzju tad-drittijiet soċjali fundamentali fil-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-Suq Uniku."

Il-konsultazzjoni pubblika wriet interess kbir u appoġġ għal dawn l-azzjonijiet mill-junjins, iċ-ċittadini privati u l-NGOs.

Il-Proposta nru 29 dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali u l-istima tal-impatt soċjali titqies bħala waħda mill-aktar kwistjonijiet importanti mis-740 persuna li wieġbu (fost aktar minn 800).
Is-sħab soċjali Ewropej wieġbu għall-konsultazzjoni skont il-linji stabbiliti tagħhom. L-ETUC tenniet it-talba tagħha għal 'Protokoll ta' Progress Soċjali' li jemenda t-Trattat u saħqet li l-Kummissjoni mhux biss għandha tiċċara u ttejjeb l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema, iżda għandha wkoll tirrevediha bir-reqqa. BusinessEuropa appoġġat l-approċċ tal-Kummissjoni għal implimentazzjoni u infurzar aħjar tad-Direttiva attwali.

L-idea tal-hekk imsejjaħ regolament Monti II intlaqgħat tajjeb mill-ETUC (u ssemmiet espressament f'ħafna tweġibiet mit-trejdjunjins nazzjonali) barra l-Protokoll ta' Progress Soċjali. Il-kontribuzzjoni ta' BusinessEurope mhix stqarrija ċara, iżda jidher li mhix konvinta dwar il-valur miżjud u turi biċ-ċar li ma għandhiex tmur kontra l-esklużjoni tad-dritt tal-istrajk mill-kompetenzi tal-UE.

Wara d-dibattitu pubbliku b'medda wiesgħa u abbażi tal-kontributi li saru matul id-dibattitu pubbliku, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Att dwar is-Suq Uniku - Tnax-il lieva biex jixprunaw it-tkabbir u jsaħħu l-fiduċja" fit-13 ta' April 2011[21]. L-inizjattivi leġiżlattivi dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema huma fost it-tnax-il azzjoni inklużi fil-kapitlu dwar il-koeżjoni soċjali "***leġiżlazzjoni bl-għan li ttejjeb u ssaħħaħ it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar fil-prattika tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema****, li se tinkludi miżuri biex tipprevjeni u tissanzjona kull abbuż u tidwir mar-regoli applikabbli, flimkien ma'* ***leġiżlazzjoni bl-għan li tiċċara l-eżerċizzju tal-libertà tal-***

[20] COM (2010) 608 finali/2, 11.11.2010.
[21] COM (2011) 206 finali

***istabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi flimkien mad-drittijiet soċjali fondamentali."***

Wara l-adozzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku, il-Parlament Ewropew adotta tliet Riżoluzzjonijiet fis-6 ta' April 2011[22]. Iżda, għall-kuntrarju tal-kwistjoni aktar ġenerali tal-mobilità (u l-ġarr tad-drittijiet tal-pensjoni) l-istazzjonament tal-ħaddiema ma kienx fost il-prijoritajiet ewlenin identifikati.

B'kuntrast, l-istazzjonament tal-ħaddiema u l-libertajiet ekonomiċi jinsabu fost il-prijoritajiet identifikati mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[23].

Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-prijoritajiet għat-tnedija mill-ġdid tas-Suq Uniku, il-Kunsill

"14. JIKKUNSIDRA li l-implimentazzjoni u l-infurzar kif jixraq tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema jistgħu jikkontribwixxu għal ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u jiżguraw aktar ċarezza dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-azjendi li jipprovdu servizzi kif ukoll tal-awtoritajiet nazzjonali u jistgħu jgħinu biex ma jkunx hemm tidwir tar-regoli applikabbli; barra minn hekk JIKKUNSIDRA li hija meħtieġa aktar ċarezza fl-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' provvista ta' servizzi flimkien mad-drittijiet soċjali fondamentali);" [24]

Il-Konferenza dwar id-Drittijiet Soċjali Fondamentali u l-Istazzjonament tal-Ħaddiema (27-28 ta' Ġunju 2011) laqqgħet ministri, sħab soċjali, rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE u akkademiċi biex jiġu diskussi l-għażliet ta' regolamentazzjoni disponibbli u tingħata għajnuna biex jiġu identifikati soluzzjonijiet fattibbli[25]. Hija kienet maħsuba biex tagħti sehemha, permezz ta' dibattitu kostruttiv miftuħ, lejn viżjoni aktar kondiviża u tippreżenta dak li ħareġ mill-istudji reċenti.

Barra minn hekk, l-istqarrija ta' Krakovja[26] tenniet li l-provvista ta' servizzi transkonfinali u l-mobilità tal-ħaddiema stazzjonati huma elementi essenzjali tas-Suq Uniku. L-iffaċilitar tal-provvista temporanja ta' servizzi transkonfinali għandu jimxi id f'id mal-iżgurar ta' livell xieraq u f'loku ta' ħarsien għall-ħaddiema stazzjonati fi Stat Membru ieħor li jkun qed jipprovdi dawn is-servizzi.

## 2.2. Stima tal-impatt

B'konformità mal-politika tagħha ta' regolamentazzjoni aħjar, il-Kummissjoni wettqet stima tal-impatt tal-alternattivi politiċi abbażi ta' studju estern[27]. Mill-2009 'il hawn il-Kummissjoni nediet erba' studji ta' evalwazzjoni ex-post:

---

22 Dwar Suq Uniku għall-Intrapriżi u t-Tkabbir [2010/2277(INI)], Suq Uniku għall-Ewropej [2010/2278(INI)], u dwar il-Governanza u s-Sħubija fis-Suq Uniku [2010/2289(INI)].

23 Opinjoni tas-Sinjura Federspiel, is-Sur Siecker u s-Sur Voles, INT 548, 15 ta' Marzu 2011

24 3094 il-laqgħa tal-Kunsill dwar il-Kompetittività, it-30 ta' Mejju 2011

25 Għal aktar informazzjoni ara d-diskorsi ewlenin u d-dokumenti marbuta: http://ec.europa.eu/social/main.jsp?langId=en&catId=471&eventsId=347&furtherEvents=yes

26 Forum dwar Is-Suq Uniku, Krakovja, 3-4 ta' Ottubru 2011, b'mod partikolari l-Istqarrija tal-ħames paragrafu u l-konklużjonijiet Operattivi ta' punt 5.

27 Kuntratt ta' Qafas Multiplu VT 2008/87, Studju ta' tħejjija għal Stima tal-Impatt fir-rigward ta' reviżjoni possibbli tal-qafas leġiżlattiv dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-kuntest tas-servizz. (VT/2010/126).

– Studju dwar l-effetti ekonomiċi u soċjali marbuta mal-fenomenu tal-istazzjonament tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea[28];

– Studju dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea (li jkopri 12-il Stat Membru)[29];

– Studju komplementari dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea (li jkopri 15-il Stat Membru)[30];

– Studju dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-proċessi ta' subkontrattar fl-Unjoni Ewropea[31] .

L-alternattivi ta' politika fihom medda ta' għażliet possibbli, sub għażliet u pakketti ta' għażliet li jirrappreżentaw gradi differenti tal-intervent tal-UE: intervent mhux ta' regolamentazzjoni u intervent ta' regolamentazzjoni. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' din tal-aħħar, is-sub għażliet u l-pakketti ta' għażla jipprovdu xenarji aktar diversifikati li fihom medda ta' minn intervent minimu sa wieħed massimu.

Dawn l-għażliet kollha ġew analizzati fuq l-isfond tal-għanijiet ġenerali, jiġifieri l-iżvilupp sostenibbli tas-Suq Uniku, ibbażat fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna, il-libertà ta' provvista ta' servizzi u l-promozzjoni ta' kondizzjonijiet ugwali, it-titjib tal-kondizzjonijiet ta' għajxin u tax-xogħol, rispett għad-diversità tas-sistemi ta' relazzjoni industrijali fl-Istati Membri u l-promozzjoni tad-djalogu bejn min imexxi u min jaħdem. Barra minn hekk, ġew eżaminati fuq l-isfond ta' għanijiet aktar speċifiċi (u għanijiet operattivi marbuta magħhom): (i) ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati, (ii) iffaċilitar tal-provvista tas-servizzi transkonfinali u titjib tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, u (iii) titjib taċ-ċertezza legali fir-rigward tal-bilanċ bejn id-drittijiet soċjali u l-libertajiet ekonomiċi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-istazzjonament tal-ħaddiema. Abbażi tal-Istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali mill-Unjoni Ewropea, l-istima tal-impatt intużat biex tidentifika drittijiet fondamentali li x'aktarx jintlaqtu, il-grad ta' indħil fid-dritt ikkonċernat u l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-indħil f'termini ta' għażliet ta' politika u objettivi[32].

L-aħjar għażla hija taħlita ta' miżuri differenti. Sa fejn għandha x'taqsam il-proposta attwali, pakkett ta' miżuri ta' regolamentazzjoni li jindirizzaw l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tal-kondizzjonijiet ta' xogħol minimi ("problema 1") kif ukoll l-abbuż tal-istatus tal-ħaddiem stazzjonat meta wieħed jaħrab mil-leġiżlazzjoni jew idur magħha ("problema 2") flimkien ma miżuri mhux ta' regolamentazzjoni biex tiġi indirizzata l-interpretazzjoni kontroversali jew mhux ċara tal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg meħtieġa bid-Direttiva 96/71/KE ("problema 3") huwa meqjus b'mod ġenerali bħala l-aktar soluzzjoni effettiva u effiċjenti biex jiġu indirizzati l-għanijiet speċifiċi ta' "ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati', it-"titjib tal-kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta" u l-"iffaċilitar tal-

---

28 Idea Consult u Ecorys Netherlands, Studju dwar l-effetti ekonomiċi u soċjali marbuta mal-fenomenu tal-istazzjonament tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea, Brussell, 2011. Jinsab fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers

29 Aukje van Hoek u Mijke Houwerzijl, Studju dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea, 2011. Jinsab fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers

30 Disponibbli fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers.

31 Għadu għaddej – ir-riżultati finali f'abbozz ġew kkunsidrati.

32 COM(2010) 573 finali, p. 6-7

provvista ta' servizzi transkonfinali" u l-aktar koerenti fil-konfront tal-għanijiet ġenerali. Għaldaqstant hija essenzjalment il-bażi tal-proposta attwali.

Wieħed jista' jistenna li jkun hemm impatt pożittiv fuq l-SMEs u speċjalment fuq il-mikro-negozji bis-saħħa tal-ambjent ta' regolamentazzjoni aħjar u ċar.. L-SMEs huma affettwati partikolarment min-nuqqas ta' informazzjoni trasparenti dwar il-kondizzjonijiet ta' xogħol u impjieg applikabbli fl-Istat Membru li jospita billi għandhom kapaċità limitata li jinvestigaw huma stess r-regoli applikabbli. Għaldaqstant, il-kumpaniji se jkollhom inqas spejjeż biex jinvestigaw il-kondizzjonijiet applikabbli tax-xogħol u l-impjieg fl-Istat Membru li jospita, u se jibbenefikaw mill-possibbiltà li jipprovdu servizzi fi swieq ġodda. Billi l-SMEs u l-mikro-negozji huma affettwati b'mod speċjali mir-rekwiżiti amministrattivi li joħolqu obbligi ta' piż żejjed għall-impriżi barranin huma se jibbenefikaw minn din il-proposta li se xxekkel il-possibiltajiet tal-Istati Membri li jimponu miżuri bħal dawn. Hija tipprovdi gwida għall-Istati Membri fir-rigward tal-ispezzjonijiet. L-SMEs u l-mikro-negozji li għandhom rendiment tajjeb se jibbenefikaw mill-ispezzjonijiet imsejsa fuq stima tar-riskju. Spezzjonijiet effettivi, kooperazzjoni amministrattiva mtejba, applikazzjoni transkonfinali ta' multi u skema ta' responsabiltajiet meqjusa sewwa se jikkontribwixxu lejn kompetizzjoni aktar ġusta u kondizzjonijiet komuni għal kulħadd. L-SMEs u l-mikro-negozji li huma b'mod partikolari sensittivi għall-kompetizzjoni inġusta se jibbenefikaw minn dawn id-dispożizzjonijiet[33].

Fir-rapport tagħha "Innaqqsu kemm jista' jkun il-piż tar-regolamentazzjoni għall-SMEs - Nadattaw ir-regolamentazzjoni tal-UE għall-ħtiġijiet tal-mikro-impriżi" (Minimizing regulatory burden for SMEs - Adapting EU regulation to the needs of micro-enterprises) tat-23 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni Ewropea elaborat il-prinċipju li l-mikro-entitajiet għandhom jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni proposta ġdida kemm-il darba tista' tiġi ppruvata l-proporzjonalità[34]. Fir-rigward tal-proposta attwali il-mikro-negozji ma jistgħux jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni għaliex dan jippreġudika wieħed mit-tiri ewlenin tal-proposta - il-ġlieda kontra l-kumpaniji tal-każella postali - u toħloq lakuni ġodda b'mod konsiderevoli. Dan ikun bl-istess mod ifisser tnaqqis fiċ-ċertezza legali billi l-livell ta' ħarsien li jrid jiġi rrispettat għall-impjegati stazzjonati tagħhom ikollu jiġi stabbilit fuq bażi ta' kull każ għalih. Infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni attwali jista' jinkiseb biss billi jiġu inklużi l-mikro-negozji fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ta' Infurzar. Madankollu, il-mikro-negozji u SMEs oħra se jibbenefikaw b'mod ġenerali minn aktar ċertezza legali, kompetizzjoni aktar ġusta u aktar spezzjonijiet immirati msejsa fuq ir-riskju.

Fl-aħħar nett, id-Direttiva ta' Infurzar se jkollha impatt b'mod differenti iżda fil-biċċa l-kbira b'mod pożittiv ħafna fuq it-tipi differenti ta' SMEs. SMEs ġenwini se jibbenefikaw minn kondizzjonijiet aktar ġusti, filwaqt li xi SMEs tal-każella postali x'aktarx li jisparixxu. SMEs li diġà kellhom subkuntratturi konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-pagi minimi u li għalhekk kellhom spejjeż ogħla (bi tqabbil ma' kompetituri subkuntratturi li mhumiex konformi mal-liġi) se jibbenefikaw minn kondizzjonijiet komuni aħjar. SMEs li s'issa bbenefikaw minn subkuntratturi li mhumiex konformi mal-leġiżlazzjoni dwar il-pagi minimi se jkollhom ifittxu mudelli ta' negozju ġodda.

L-abbozz tal-istima tal-impatt ġie eżaminat mill-Bord għall-Istima tal-Impatt ("IAB") u r-rakkomandazzjonijiet għat-titjib ġew integrati fir-rapport finali. L-opinjoni tal-IAB kif ukoll l-Istima finali tal-Impatt u s-sommarju eżekuttiv huma ppubblikati flimkien ma' din il-proposta.

---

33 Ara l-Istima tal-Impatt dwar id-dożier dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema, Anness 11, ta' Jannar 2012.
34 COM(2011) 803 finali

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

### 3.1 Kuntest ġenerali —— sommarju tal-azzjoni proposta

Mingħajr ma terġa' tinfetaħ id-Direttiva 96/71/KE, il-proposta attwali għandha l-għan li ttejjeb, tarrikkixxi u ssaħħaħ il-mod kif din id-Direttiva tiġi implimentata, applikata u infurzata fil-prattika mal-Unjoni Ewropea kollha bit-twaqqif ta' qafas ġenerali komuni ta' dispożizzjonijiet u miżuri xierqa għal implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar u iktar uniformi tad-Direttiva, inklużi miżuri ta' prevenzjoni għal kull tidwir jew abbuż tar-regoli. Hija fl-istess ħin tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati u t-tneħħija ta' xkiel mhux iġġustifikat għall-provvista ħielsa tas-servizzi. Kif enfasizzat mill-Unjoni Ewropea fl-Istrateġija għall-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali, in-nies iridu jkunu jistgħu jgawdu b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom miġburin fil-Karta meta jkunu f'sitwazzjoni regolata bil-liġi tal-Unjoni. [35].

Flimkien mal-proposta għal Regolament li jissimplifika l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva ġewwa l-kuntest tal-libertajiet ekonomiċi tas-Suq Uniku, b'mod partikolari l-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista ta' servizzi[36], hija tikkostitwixxi intervent immirat bi qbil ma' wieħed mill-objettivi ewlenin tat-Trattat, jiġifieri li jiġi stabbilit suq intern bl-għan ta' ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna biex jinkiseb l-impjieg għal kulħadd u l-progress soċjali. B'mod partikolari permezz tal-iffaċilitar tal-provvista transkonfinali tas-servizzi u t-titjib tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni ġusta, din l-inizjattiva se tippermetti l-isfruttament tal-potenzjal għat-tkabbir, offrut mill-istazzjonament tal-ħaddiema u l-impjiegi għall-ħaddiema stazzjonati bħala element ewlieni fil-provvista tas-servizzi fis-suq intern. Għalhekk se tikkontribwixxi għall-irkupru tat-tkabbir b'mod intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bi qbil mal-objettivi u l-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020[37].

### 3.2 Bażi legali

Din il-proposta hija msejsa fuq l-Artikoli 53(1) u 62 tat-TFUE, li huma identiċi għal dawk li fuqhom tissejjes id-Direttiva 96/71/KE, u li jippermettu l-adozzjoni tad-direttivi skont il-proċedura leġiżlattiva komuni.

### 3.3 Prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità

Il-problemi identifikati fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE huma marbuta mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3(3) tat-TUE li jgħid li l-Unjoni Ewropea trid tistabbilixxi suq intern li jissejjes fuq ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva ħafna bl-għan li jinkiseb l-impjieg għal kulħadd u l-progress soċjali, u fl-Artikoli 56 u 151 tat-TFUE.

L-implimentazzjoni xierqa u l-applikazzjoni effettiva u l-infurzar huma elementi ewlenin li jiggarantixxu l-effikaċja tar-regoli applikabbli tal-UE. Id-differenzi u n-nuqqas ta' qbil fil-mod kif tiġi implimentata, applikata u infurzata d-Direttiva 96/71/KE fl-Istati Membri kollha huma ta' ħsara għall-funzjonament xieraq tad-Direttiva. Għalhekk hemm ir-riskju li jkun diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jinħolqu l-kondizzjonijiet ekwi meħtieġa għal dawk li jipprovdu s-servizzi u li jiġi żgurat li l-ħaddiema stazzjonati għall-provvista tas-servizzi

---

35 COM(2010) 573 finali

36 COM (2012) 130 finali

37 COM(2010) 2020 finali, 3.3.2010.

jgawdu l-istess livell ta' ħarsien iggarantit bid-Direttiva mal-UE kollha. F'dawn iċ-ċirkostanzi, iċ-ċarezza legali meħtieġa u ċ-ċertezza jistgħu jinkisbu biss fil-livell tal-UE.

Għalhekk, l-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri u jeħtieġu azzjoni fil-livell tal-UE.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet. Sabiex l-applikazzjoni u l-infurzar fil-prattika tad-Direttiva 96/71/KE jkunu aħjar qed jiġu proposti għadd ta' miżuri preventivi effettivi kif ukoll xi sanzjonijiet xierqa u ta' proporzjon. Ir-regoli proposti li huma aktar uniformi għall-kooperazzjoni amministrattiva, għajnuna reċiproka, miżuri ta' kontroll nazzjonali u ispezzjonijiet jirriflettu n-natura eteroġenea tal-ispezzjoni u s-sistemi ta' kontroll mal-Istati Membri kollha, filwaqt li jsir ukoll sforz biex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn jew eċċessiv fuq dawk li jipprovdu s-servizzi. Fl-istess waqt ukoll, jibqa' ggarantit ir-rispett għad-diversità tal-mudelli soċjali differenti u tas-sistemi ta' relazzjonijiet soċjali fl-Istati Membri.

## 3.4 Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta

### *3.4.1 Suġġett*

Barra milli jiddeskrivi l-għanijiet tal-proposta għal Direttiva, l-*Artikolu 1* fih dik li ta' sikwit tissejjaħ il-"Klawżola Monti". Hija tiġbor flimkien it-test tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill Nu. 2679/98[38] u l-Artikolu 1 (7) tad-Direttiva dwar is-Servizzi[39]. Hija wkoll konformi mat-test ta' dispożizzjonijiet simili li hemm pereżempju fil-proposta reċenti għal Regolament dwar il-ġurisdizzjoni u l-għarfien u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (tfassil mill-ġdid Brussell I)[40] u r-Regolament adottat dan l-aħħar dwar l-iżbilanċji makroekonomiċi[41].

### *3.4.2 Il-prevenzjoni tal-abbuż u tidwir mar-regoli - elementi li jtejbu l-implimentazzjoni u monitoraġġ aħjar tal-applikazzjoni tal-idea ta' stazzjonament*

Skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2( 1) tad-Direttiva 96/71/KE[42] *"ħaddiem kollokat"* tfisser, għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva ħaddiem li, *għall-perijodu limitat* jagħmel ix-xogħol tiegħu/tagħha fit-territorju ta' Stat Membru *barra mill-Istat Membru li normalment jaħdem/taħdem fih.*

Mingħajr ħsara għall-Artikolu2(2) tad-Direttiva 96/71/EC[43], ħaddiem jikkwalifika bħala stazzjonat bis-saħħa tas-sitwazzjoni fattwali tiegħu/tagħha u ċ-ċirkostanzi li fihom huwa jew hija mistenni/mistennija li jwettaq/twettaq l-attivitajiet tiegħu jew tagħha, fosthom:

– in-natura temporanja tal-attivitajiet imwettqa,

---

38 Ir-Regolament Numru 2679/98 tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-ħidma tas-suq intern b'relazzjoni mal-moviment liberu tal-oġġetti fost l-Istati Membri, ĠU L337/8, 12.12.98.

39 Direttiva 2006/123, ĠU L 376/36, 27.12.2006; ara l-premessa 22 tad-Direttiva 96/71/KE.

40 COM (2010) 748 finali, 14.12.2010, l-Artikolu 85.

41 L-Artikolu 1, il-paragrafu 3, l-aħħar sentenza, ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi, ĠU L 306/25, 23.11.2011.

42 Trid tinqara flimkien mal-Artikoli 1(1) u 1 (3) tad-Direttiva.

43 Id-definizzjoni ta' ħaddiem hija dik li tapplika fil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat il-ħaddiem..

– l-eżistenza ta' rapport ta' impjieg dirett bejn l-impriża li twettaq l-istazzjonament u l-ħaddiem matul il-perjodu kollu tal-istazzjonament,

– il-pajjiż li fih normalment jaħdem il-ħaddiem, u

– l-eżistenza ta' rabta ġenwina bejn min iħaddem u l-pajjiż ta' oriġini tal-ħaddiem.

Iżda, id-Direttiva 96/71/KE ma fihiex xi indikazzjoni ulterjuri dwar kif tiddetermina jekk min iħaddem huwiex stabbilit fi Stat Membru, u lanqas ma fiha kriterji aktar speċifiċi kif tiddetermina n-natura temporanja tax-xogħol li jrid isir mill-ħaddiema stazzjonati jew l-Istat Membru li fih il-ħaddiema kkonċernati "normalment jaħdmu".

Dan fil-prattika wassal għal bosta problemi minħabba l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, dawk li jipprovdu s-servizzi kif ukoll il-ħaddiema stazzjonati stess ta' sikwit isibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn jidher diffiċli tiddetermina jekk hemmx jew le stazzjonament skont it-tifsira tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema[44]. Saru abbużi minn min iħaddem li jitkixxfu punti ta' nuqqas ta' ċarezza tad-dispożizzjonijiet tal-liġi biex jevadu r-regoli applikabbli[45].

Biex jiġi evitat it-tidwir mar-regoli u jiġi miġġieled l-abbuż tal-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE, il-proposta attwali fl-*Artikolu 3 il-paragrafi 1 u 2* fiha lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' kriterji kwalitattivi/elementi kostitwenti li jikkaratterizzaw kemm in-natura temporanja inerenti fil-kunċett ta' stazzjonament għall-provvista ta' servizzi[46], kif ukoll l-eżistenza ta' ħolqa ġenwina bejn min jimpjega u l-Istat Membru li minnu joriġina l-istazzjonament. Din l-ispeċifikazzjoni u l-kjarifika ulterjuri se ttejjeb ukoll iċ-ċertezza legali.

Deskrizzjoni indikattiva aktar ċara li tista tiġi infurzata aktar faċilment tal-elementi kostitwenti tal-kunċett ta' stazzjonament għall-provvista tas-servizzi kif ukoll il-kriterji marbuta ma' x'jikkostitwixxi stabbiliment ġenwin ta' dak li jipprovdi s-servizz fi Stat Membru se jgħinu biex jiġi evitat l-"użu kreattiv" tad-Direttiva 96/71/KE għal sitwazzjonijiet li mhumiex stazzjonamenti proprja fis-sens tad-Direttiva.

---

44 Għal aktar dettalji ara l-kapitoli 2.2, 3.2 u 5.2 tal-istudju (komplementari) dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi. — Ara l-kapitolu 3.2.1 Stima tal-Impatt

45 Għal aktar dettalji ara b'mod partikolari l-kapitolu 3.5 'każijiet fil-midja u fil-qorti tal-istudju legali u l-kapitolu 3.4 tal-istudju legali komplementari. — Ara l-kapitolu3.2.2.Pereżempju l-fatt li n-nazzjonalità tal-ħaddiem stazzjonat tkun differenti minn dik ta' min jipprovdi s-servizz jew l-aġenzija li biha jew permezz tagħha huwa/hija tiġi ngaġġata u dik tal-Istat Membru li fih iseħħu temporanjament l-attivitajiet/is-servizzi, jikkostitwixxi indikazzjoni ċara li s-sitwazzjoni speċifika ma tikkwalifikax bħala "stazzjonament" fis-sens tad-Direttiva 96/71, sakemm il-ħaddiem stazzjonat ikun ġie impjegat qabel u/jew ħadem fit-territorju tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit min jipprovdi s-servizz jew hija stabbilita l-aġenzija.

46 Skont il-ġurisdizzjoni tal-QEĠ, in-natura temporanja tal-attività tal-persuna li tipprovdi s-servizz fl-Istat Membru li jospita trid tiġi ddeterminata fid-dawl mhux biss tat-tul taż-żmien tal-provvista tas-servizz iżda wkoll tar-regolarità tagħha, in-natura perjodika jew il-kontinwità. Ebda dispożizzjoni tat-Trattat ma fiha mezz biex jiġi ddeterminat, b'mod astratt, it-tul taż-żmien jew il-frekwenza li lil hinn minnu/minnha l-provvista ta' servizz jew ta' ċertu tip ta' servizz fi Stat Membru ieħor tista' ma tibqax titqies bħala l-provvista ta' servizzi skont it-tifsira tat-Trattat (sentenza tal-11.12.2003, il-każ C-215/01, Schnitzer, prem. 28 u 31. is-sentenza tat-30.11.1995, C-55/94, Gebhard). Iżda, attività li sseħħ fuq bażi permanenti, jew tal-inqas mingħajr limitu prevedibbli tat-tul taż-żmien tagħha, ma tidħolx taħt id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni dwar il-provvista ta' servizzi (sentenza tas-7.9.2004, il-każ C-456/02, Trojani, prem. 28).

Ir-rwol tal-Istat Membru minn fejn joriġina l-istazzjonament jiġi ċċarat aktar fil-kuntest tal-kooperazzjoni amministrattiva (*Artikolu 7*).

### 3.4.3 *Aċċess għall-informazzjoni*

L-aċċess għall-informazzjoni bil-quddiem dwar il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli fil-pajjiż li jospita huwa prerekwiżit għal partijiet interessati biex ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi skont ir-regoli li jirriżultaw mid-Direttiva 96/71/KE u t-traspożizzjoni tagħha fil-liġi nazzjonali. L-SMEs huma b'mod partikolari affettwati min-nuqqas ta' informazzjoni trasparenti dwar il-kondizzjonijiet applikabbli ta' xogħol u impjieg fl-Istat Membru li jospita billi għandhom kapaċità limitata li jinvestigaw huma stess ir-regoli applikabbli. Għalhekk, il-kumpaniji se jkollhom inqas spejjeż biex jinvestigaw il-kondizzjonijiet applikabbli ta' xogħol u impjieg fl-Istat Membru li jospita. Dan jikkostitwixxi wkoll mezz importanti li jiffaċilita r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema u l-ħarsien tagħhom. Barra minn hekk, kooperazzjoni amministrattiva tajba u effettiva fost l-Istati Membri hija essenzjali għall-kontroll tal-konformità. L-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar imwettqa b'suċċess tad-Direttiva 96/71/KE jkunu diffiċli sakemm dawn ir-rekwiżiti ma jiġux iggarantiti biżżejjed.

Minkejja t-titjib li sar f'termini ta' aċċess għall-informazzjoni[47], l-*Artikolu 5* għalhekk fih għadd ta' miżuri ta' importanza aktar fid-dettall biex tista' tiġi żgurata informazzjoni aċċessibbli mingħajr diffikultà u disponibbli għal kulħadd dwar il-patti u l-kondizzjonijiet li jridu jiġu rrispettati, inkluż fejn dawn huma stipulati fi ftehimiet kollettivi (il-paragrafu 4).

### 3.4.4 *Kooperazzjoni amministrattiva u għajnuna reċiproka*

Il-prinċipji ġenerali, ir-regoli u l-proċeduri meħtieġa għal kooperazzjoni u għajnuna amministrattiva effettiva huma stipulati fl-*Artikolu 6,* filwaqt li r-rwol tal-Istat Membru li minnu joriġina l-istazzjonament huwa kopert bl-*Artikolu 7*.

Bażi legali xierqa hija wkoll stipulata fl-Artikolu 18 għall-użu tal-applikazzjoni separata u speċifika tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('IMI') bħala s-sistema ta' skambju ta' informazzjoni elettronika biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattiva dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema..

*L-Artikolu 8* jistipula miżuri komplementari biex tiġi żviluppata, iffaċiltata, appoġġata, promossa u mtejba aktar il-kooperazzjoni amministrattiva u tiżdied il-fiduċja reċiproka permezz ta' appoġġ finanzjarju.

### 3.4.5 *Monitoraġġ tal-konformità —– miżuri ta' kontroll nazzjonali —– rabta mal-kooperazzjoni ammistrattiva*

Il-Kapitolu IV 'Monitoraġġ tal-konformità' ikopri miżuri ta' kontroll nazzjonali, inklużi dawk li jistgħu jiġu applikati għal ċittadini ta' pajjiż terz residenti legalment u impjegati skont il-liġi li huma stazzjonati ġewwa l-UE minn min iħaddihom, kif ukoll ispezzjonijiet. Huwa marbut mill-qrib mal-Kapitolu III (kooperazzjoni amministrattiva) u l-Kapitolu I (dispożizzjonijiet

---

47 Ara COM (2007) 304, paġ 9. Għal aktar dettalji: L-istudju 'Information provided on the posting of workers', F. Muller, Strasbourg, Settembru 2010. Jinsab fuq il-websajt: http://www.ec.europa.eu/social/posted-workers.

ġenerali, b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) u l-Artikolu (2) għandu jinqara b'riferiment mill-qrib ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

Kif rikonoxxut bil-ġurisdizzjoni tal-QEĠ, il-ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-ħaddiema, li huwa minnu nnifsu raġuni ewlenija ta' interess ġenerali, jista' xorta jiġġustifika ċerti spezzjonijiet nazzjonali u miżuri ta' kontroll meħtieġa biex titwettaq il-ħidma ġenerali ta' sorveljanza tal-awtoritajiet fis-sorveljar tal-osservanza tal-obbligi sostanzjali ġġustifikati mill-interess ġenerali[48]. Għall-ispezzjonijiet marbuta mal-implimentazzjoni tad-Direttiva, madankollu, l-Istati Membri għandhom jimxu skont l-Artikolu 56 tat-TFUE u ma għandhomx joħolqu jew japplikaw restrizzjonijiet mhux ġustifikati u sproporzjonati fuq dawk li jipprovdu s-servizzi ġewwa l-Unjoni Ewropea[49]. Fil-każijiet *Finalarte*[50], il-Qorti aċċettat li n-negozji stabbiliti barra mill-Istat Membru li jospita jistgħu jintalbu jipprovdu aktar informazzjoni min-negozji stabbiliti f'dak l-Istat Membru, sal-punt li din id-differenza fit-trattament kienet iġġustifikata minn differenzi oġġettivi bejn dawn in-negozji u n-negozji stabbiliti fl-Istat Membru li jospita.

Madankollu, kif rikonoxxut ukoll mill-QEĠ, hemm rabta fl-istess ħin bla dubju bejn l-eżistenza ta' sistema organizzata għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni[51] u l-possibilità għall-Istati Membri li japplikaw ċerti miżuri ta' kontroll biex jivverifikaw il-konformità. Tabilħaqq, sistema li taħdem b'mod effettiv ta' dan it-tip tista' lil ċerti obbligi ġġibhom żejda[52].

Il-miżuri ta' kooperazzjoni amministrattiva u dawk ta' kontroll nazzjonali huma żewġ naħat tal-istess munita. Għal ċerti aspetti tal-kunċett ta' stazzjonament, bħar-rabta ġenwina ta' min jimpjiega mal-Istat Membru li jibgħat, l-Istat Membru li minnu joriġina l-istazzjonament għandu rwol ewlieni, filwaqt li kwistjonijiet bħall-konformità mal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg li jridu jiġu rrispettati fil-pajjiż fejn jiġu pprovduti s-servizzi, jistgħu jiġu kkontrollati biss fl-Istat Membru li jospita. Il-kollaborazzjoni mill-qrib miż-żewġ pajjiżi hija wkoll meħtieġa dwar kwistjonijiet oħra, bħall-kriterji kwalitattivi indikattivi li jridu jintużaw fil-kuntest tal-kunċett ta' stazzjonament. Għalhekk, iż-żewġ pajjiżi huma parti essenzjali ta'

---

48 Komunikazzjoni "L-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi: jintlaħqu l-aħjar benefiċċji u l-potenzjali filwaqt li jkun garantit il-ħarsien tal-ħaddiema, COM(2007) 304 finali, 13.6.2007, punt 2.2, paġna 4. Idem il-Komunikazzjoni – "Gwida dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi, COM (2006) 159 finali. Ara s-sentenza tat-23.11.1999, il-każijiet konġunti C-369/96 u C-376/96, Arblade u oħrajn, paragrafu 38. Idem is-sentenza tad-19.1.2006, il-każ C-244/04, il-Kummissjoni vs. il-Ġermanja, paragrafu 36 u tal-21.10.2004, il-każ C-445/03, il-Kummissjoni vs. il-Lussemburgu, il-paragrafu 39/40 (iż-żewġ sentenzi dwar ħaddiema ċittadini ta' pajjiż terz stazzjonati)

49 Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenza Rush Portuguesa, imsemmija hawn fuq, il-paragrafu 17, kif ukoll is-sentenzi tal-21.10.2004, il-Kummissjoni v il-Lussemburgu, il-każ C-445/03, il-paragrafu 40, u tad-19.1.2006, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, C-224/04, il-paragrafu 36.

50 Is-Sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, il-Każijiet konġunti C-49/98, 50/98, 52/98, 54/98, 68/98 u 71/98 (Finalarte Sociedade de Construção Civil L$^{da}$ v Urlaubs- und Lohnausgleichskasse der Bauwirtschaft u Oħrajn), il-paragrafi 69-74.

51 Is-Sentenza tat-23.11.1999, il-każijiet konġunti C-369/96 u C-376/96, Arblade u oħrajn, il-paragrafu 61 u 79, tat-18.7.2007, C-490/04, il-Kummissjoni v il-Ġermanja, il-paragrafu 78; ara il-Konklużjonijiet AG Rui-Jarabo Colomer, il-każ C-490/04, il-paragrafi 81-88, Il-Konklużjonijiet AG Trstenjak, il-każ C-319/06, il-Kummissjoni v Lussemburgu, il-paragrafu 86, il-Konklużjonijiet AG Cruz Villalón, il-każ C-515/08, Santos Palhota e.a. il-paragrafu 92

52 Bħaż-żamma ta' dokumenti fl-Istat Membru li jospita wara li min jimpjega ma jibqax jimpjiega ħaddiema, ara s-sentenza tat-23.11.1999, il-każijiet konġunti C-369/96 u C-376/96, Arblade u oħrajn, il-paragrafu 79.

sistema ta' kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni li taħdem b'mod effikaċi, anke jekk l-ambitu tal-attivitajiet tagħhom f'dan il-kuntest jista' jkun differenti.

L-effikaċja tal-kooperazzjoni amministrattiva, kif ukoll il-kontroll u l-monitoraġġ diġà mwettqa fl-Istat Membru ta' stabbiliment huma għalhekk elementi importanti fl-evalwazzjoni każ b'każ tal-kompatibilità tal-miżuri ta' kontroll nazzjonali mal-liġi tal-Unjoni[53]. Għalhekk, ġiet inkluża klawżola ta' reviżjoni sabiex is-sitwazzjoni tiġi evalwata aktar, b'mod partikolari biex tiġi eżaminata l-ħtieġa u kemm huwa xieraq li jiġu applikati miżuri ta' kontroll nazzjonali fid-dawl tal-esperienzi u l-effikaċja tal-funzjonament tas-sistema ta' kooperazzjoni amministrattiva kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi[54]. *(Artikolu 9, paragrafu 3).*

L-eżerċizzju ta' monitoraġġ imniedi fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2006 mhux biss enfasizza d-diversità impressjonanti tal-miżuri ta' kontroll nazzjonali użati mill-Istati Membri, iżda wkoll wera li ħafna Stati Membri jidher li jserrħu biss fuq il-miżuri u l-istrumenti nazzjonali tagħhom stess biex jikkontrollaw lil dawk li jipprovdu s-servizzi[55]. Barra minn hekk, dawn ġew applikati b'mod mhux dejjem iġġustifikat jew proporzjonat fid-dawl tal-objettivi mfittxija u għalhekk ma kinux konformi mal-Artikolu 56 tat-TFUE kif interpretat mill-QEĠ.

Fil-ġurisdizzjoni tagħha, il-QEĠ ċċarat aktar il-kompatibilità ta' ċerti miżuri ta' kontroll nazzjonali mal-liġi tal-UE. Hija tenniet li r-rekwiżit ta' stqarrija minn qabel proporzjonat huwa miżura xierqa biex jistgħu jitwettqu sussegwentement il-verifiki meħtieġa li għandhom jitwettqu u ma jkunx hemm qerq[56]. Barra minn hekk, għal dak li għandu x'jaqsam mal-obbligu li jinżammu ċerti dokumenti soċjali speċifiċi ġewwa t-territorju ta' Stat Membru, il-QEĠ[57] aċċettat l-obbligu impost fuq in-negozji barranin li jżommu l-kuntratt ta' impjieg (jew dokument ekwivalenti skont it-tifsira tad-Direttiva 91/533), ir-riċevuti tal-paga, reġistri tal-ħinijiet u prova ta' ħlas ta' pagi fuq il-post ta' kostruzzjoni, kif ukoll obbligu ta' traduzzjoni tad-dokumenti rilevanti fil-lingwa tal-Istat Membru kkonċernat[58] ma kienx jikkostitwixxi restrizzjoni mhux iġġustifikata u sproporzjonata għal-libertà ta' min jipprovdi s-servizzi[59]. Obbligu simili li jinżammu kopji ekwivalenti għall-kontijiet individwali u r-riċevuti ta' ħlas fil-post tax-xogħol[60] jew fl-indirizz tal-aġent jew rappreżentant ta' min jimpjiega fuq it-

---

53 Ara COM (2007) 304, il-paġna 7, l-ewwel paragrafu, l-aħħar sentenza.

54 Barra minn he3kk, il-mandat tal-Kumitat Espert dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema se jkun adattat sabiex jiġi stabbilit b'mod ċar ir-rwol tiegħu fir-reviżjoni tal-fattibilità li jiġu żviluppati mudelli aktar uniformi u standardizzati għad-dokumenti soċjali aċċettati mill-Qorti bħala li huma kompatibbli mal-liġi tal-UE (bħal reġistri tal-ħinijiet, riċevuti tal-pagi eċċ.).

55 Ara COM (2007) 304, il-paġni 6-8 u 11.

56 Is-Sentenza tas-7.10.2011, il-każ C-515/08, dos Santos Palhota, par. 54 jo.52 u tal-1.10.2009, C-219/08, il-Kummissjoni vs. il-Belġju, par. 16 u l-ġurisdizzjoni msemmija fih.

57 Is-Sentenza tat-18.7.2007, il-każ C-490/04, il-Kummissjoni vs. il-Ġermanja, il-paragrafi 56 – 80.

58 Għarfet li s-sorveljanza fuq il-post issir estremament diffiċli, jekk mhux impossibbli, fil-prattika, jekk id-dokumenti kellhom jiġu ppreżentati fil-lingwa tal-Istat Membru li fih hija stabbilita l-impriża (par.71). Iżda, il-Qorti indikat ukoll li kien ta' importanza partikolari biex waslet għal din il-konklużjoni f'dan ir-rigward il-fatt li r-rekwiżit ta' traduzzjoni kien jikkonċerna biss erba' dokumenti li ma kinux eċċessivament twal u li għalihom ġeneralment jintużaw formoli standard (par.76).

59 Element importanti tal-evalwazzjoni tal-Qorti kien li l-informazzjoni meħtieġa jew mitluba (li mingħajrha l-awtoritajiet nazzjonali ma jistgħux iwettqu l-ħidma tagħhom ta' sorveljanza) ma tistax tinkiseb faċilment permezz ta' min iħaddem jew l-awtoritajiet fl-Istat Membru ta' oriġini fi żmien raġonevoli u/jew ebda miżura inqas restrittiva ma tiżgura li l-objettivi tal-miżuri nazzjonali ta' kontrolli meqjusa meħtieġa jinkisbu.

60 Ara għal rekwiżit simili li jinżammu ċerti dokumenti fuq il-post tax-xogħol jew f'post aċċessibbli u li jista' jiġi identifikat b'mod ċar is-sentenza tat-23.11.1999, il-każijiet konġunti C-369/96 u C-376/96,

territorju tal-Istat Membru kkonċernat bl-istess mod instab li ma kienx vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà tal-provvista ta' servizzi[61].

Iżda, minkejja r-rekwiżiti indikati fil-paragrafu ta' qabel, il-Qorti ddeċidiet li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu xi wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin fuq min jipprovdi s-servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jistazzjona b'mod temporanju ħaddiema lejn Stat Membru ieħor għall-provvista tas-servizzi tiegħu:
- obbligu għal min jipprovdi s-servizz li jkollu stabbiliment fit-territorju tagħhom;
- obbligu għal min jipprovdi s-servizz li jikseb awtorizzazzjoni mill-awtoritjiet kompetenti tagħhom jew li jkun reġistrat magħhom, li jinkludi d-dħul f'reġistru jew reġistrazzjoni ma' korp jew assoċjazzjoni professjonali fit-territorju tagħhom, jew li jissodisfa xi rekwiżit ieħor ekwivalenti, ħlief fejn previst fi strumenti oħrajn tal-liġi tal-UE;
- obbligu li jinħatar rappreżentant jew aġent ad hoc stabbilit, domiċiljat jew residenti fl-Istat Membru li jospita;
- projbizzjoni fuq min jipprovdi s-servizz li jistabbilixxi ċertu forma jew tip ta' infrastruttura fit-territorju tagħhom, inkluż uffiċċju jew kamra, li jeħtieġ minn jipprovdi s-servizz biex ikun jista' jipprovdi s-servizzi kkonċernati;
- obbligu li jinżammu ċerti dokumenti soċjali fuq it-territorju tiegħu, mingħajr ebda eċċezzjoni u/jew limitu ta' żmien, meta l-informazzjoni tista' tinkiseb permezz ta' min jimpjiega jew l-awtoritajiet fl-Istat Membru ta' stabbiliment f' perjodu ta' żmien raġonevoli;
- obbligu li jitħejjew dokumenti soċjali rilevanti skont ir-regoli tal-pajjiż li jospita.

Jitqies xieraq li tiġi ċċarata din il-ġurisdizzjoni bil-kodifikazzjoni tagħha f'din il-proposta attwali, billi jiġi indikat b'mod ċar liema rekwiżiti huma kompatibbli mal-obbligi skont il-liġi tal-UE u liema mhumiex. Meta jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jagħtu sehem sostanzjali biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi skont l-għanijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew. L-SMEs jibbenifikaw minn infurzar aħjar tad-Direttiva attwali, kondizzjonijiet aktar ekwi u kompetizzjoni iktar ġusta. Kooperazzjoni amministrattiva mtejba u ispezzjonijiet effettivi u xierqa msejsa fuq l-istima tar-riskju jagħmlu l-ispezzjonijiet aktar effettivi u jnaqqsu l-ispejjeż għall-kumpaniji fis-setturi jew sitwazzjonijiet ta' mingħajr riskju u b'hekk jikkontribwixxu għal kontrolli ta' inqas piż[62].

Barra minn hekk, b'konformità mal-Konvenzjoni Nru 81 tal-ILO[63], spezzjonijiet effettivi u xierqa, primarjament imsejsa fuq stima tar-riskju b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jitwettqu biex tiġi kkontrollata u ssorveljata l-konformità mar-regoli applikabbli (*Artikolu 10*). Sabiex is-sistemi differenti ta' relazzjonijiet industrijali u d-diversità tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri jkunu riflessi, aġenti oħrajn u/jew istituzzjonijiet jistgħu wkoll jissorveljaw ċerti patti u kondizzjonijiet tal-ħaddiema stazzjonati, bħar-rati minimi ta' paga u l-ħin tax-xogħol.

### *3.4.6. Infurzar— difiża ta' drittijiet, katini ta' subkontrattar, responsabbiltà u sanzjonijiet*

Il-Kapitolu V (l-*Artikoli 11 u 12)* huwa marbut mal-infurzar u d-difiża tad-drittijiet, li minnhom innifshom jirrigwardaw dritt fundamentali: il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tikkonferma d-dritt ta' rimedju effettiv għal dawk kollha li d-drittijiet u l-

---

Arblade u oħrajn, il-paragrafu 64-66, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, il-każijiet konġunti C-49/98, 50/98, 52/98, 54/98, 68/98 u 71/98 (Finalarte Sociedade de Construção Civil L[da] v Urlaubs- und Lohnausgleichskasse der Bauwirtschaft u oħrajn), il-paragrafu 74.

61 Is-Sentenza tas-7.10.2010, il-każ 515/08, dos Santos Palhota, il-parapraficomment 55-58 jo. Il-par. 42.

62 Ara għal aktar dettalji l-Istudju IA, paġna 55/56.

63 Konvenzjoni tal-Ispezzjoni tax-Xogħol 1947, irratifikata mis-27 Stat Membru.

libertajiet tagħhom iggarantiti mil-liġi tal-Unjoni Ewropea jiġu mittiefsa jew ma jiġux rispettati.

*Mekkaniżmi ta' lmenti*

Sabiex l-infurzar ikun iffaċilitat iktar u tiġi żgurata applikazzjoni aktar korretta fil-prattika tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 96/71/KE, jeħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi effettivi għall-ħaddiema stazzjonati biex jistgħu jressqu lmenti direttament jew permezz ta' partijiet terzi, bħal pereżempju t-trejdjunjins, suġġett għall-approvazzjoni tagħhom (l-*Artikolu 11*). Dan huwa mingħajr ħsara għall-ġurisdizzjoni tal-qrati fl-Istati Membri kif stipulat, b'mod partikolari, fl-istrumenti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u/jew fil-konvenzjonijiet internazzjonali kif ukoll għar-regoli nazzjonali ta' proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża fil-qrati. Istituzzjonijiet komuni ta' sħab soċjali sa fejn huma koperti bl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 96/71/KE jistgħu bl-istess mod ikollhom interess leġittimu fl-iżgurar li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71/KE jiġu mħarsa.

*Obbligazzjoni in solidum*

Il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema huwa ta' tħassib partikolari fil-ktajjen ta' subkontrattar li huma mifruxa sew b'mod partikolari fis-settur tal-kostruzzjoni fl-Unjoni Ewropea. . Hemm evidenza li, f'għadd ta' każi, il-ħaddiema stazzjonati jiġu sfruttati u jitħallew mingħajr ma jitħallsulhom il-pagi jew partijiet tal-pagi li huma intitolati għalihom skont id-Direttiva 96/71/EC. Il-ħaddiema stazzjonati jistgħu wkoll ma jkunux f'pożizzjoni li jinfurzaw it-talbiet ta' pagi tagħhom kontra min jimpjegahom għaliex il-kumpanija sparrixiet jew qatt ma eżistiet fil-verità. Jinħtieġu miżuri xierqa, effettivi u dissważivi sabiex tiġi żgurata l-konformità tas-subkuntratturi mal-obbligi legali u kuntrattwali tagħhom, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-ħaddiema. Barra minn hekk, aktar trasparenza fil-proċessi ta' subkuntrattar se ttejjeb il-ħarsien ġenerali tad-drittijiet tal-ħaddiema.

Il-Parlament Ewropew semma l-ħtieġa li titressaq proposta fil-mistoqsijiet parlamentari[64] u adotta bosta riżoluzzjonijiet dwar din il-kwistjoni filwaqt li għamel sejħa lill-Kummissjoni biex twaqqaf strument leġiżlattiv dwar l-obbligazzjoni in solidum fil-livell tal-UE, b'mod partikolari għall-ktajjen twal ta' subkuntrattar[65].

Madankollu, jinħtieġ approċċ aktar prudenti f'dan ir-rigward sabiex jittieħed kont dovut tas-sistemi legali fis-seħħ fl-Istati Membri, kif ukoll tal-impatt li sistema bħal din jista' jkollha fuq il-provvista ta' servizzi transkonfinali ġewwa s-Suq Intern. Wieħed jista' jifhem għalhekk li jeżistu fehmiet differenti fost il-partijiet interessati dwar il-fattibilità u/jew dwar kemm hu mixtieq jew le strument fil-livell tal-UE[66].

Bħalissa għadd żgħir ta' Stati Membri (8) u n-Norveġja biss jistabbilixxu obbligazzjoni konġunta u/jew in solidum għal partijiet oħra għajr għal min jimpjega għal dak li għandu x'jaqsam mal-kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali, taxxi u/jew pagi (minimi). Hemm

---

64 Ara pereżempju E-6753/2011 u E-5137/09.

65 Ara pereżemju r-Riżoluzzjoni A6-0065/2009 tas-26.3.2009 abbażi tar-rapport ta' Lehtinen fuq inizjattiva proprja, kif ukoll il-punt 9 tar-Rapport adottat dan l-aħħar dwar ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-istrateġija Ewropea 2007-2012 dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq ix-xogħol (2011/2147(INI).

66 Ara: Komunikazzjoni dwar l-eżitu tal-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni "L-immodernizzar tal-liġi tax-xogħol biex jintlaqgħu l-isfidi tas-seklu 21', COM (2007) 627 finali, 24.10.2007, paġna 8.

differenzi sostanzjali bejn is-sistemi nazzjonali tar-responsabilità in solidum[67]. It-tradizzjonijiet legali differentiu l-kulturi ta' relazzjonijiet industrijali fil-pajjiżi kkonċernati juru li s-sistemi adottati huma speċifiċi ħafna għal kull sitwazzjoni nazzjonali u ftit elementi biss, jekk hemm, huma trasferibbli għal soluzzjoni Ewropea.

Aktar riċerka turi li anke jekk xi mekkaniżmi ta' responsabbilità in solidum juru tixbiħ, jibqgħu differenti b'mod sinifikanti f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni, implimentazzjoni attwali u effikaċja, inkluż f'sitwazzjonijiet transkonfinali[68].

Fil-ġurisdizzjoni kostanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE ttenni li l-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema jista' jiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' provvista ta' servizzi. Fil-każ *Finalarte*[69], il-Qorti indikat ukoll li differenza fit-trattament bejn kumpaniji barranin u dawk nazzjonali tista' tkun ġġustifikata minħabba differenzi oġġettivi u mhux bilfors tikkostitwixxi diskriminazzjoni li tmur kontra l-libertà li tipprovdi s-servizzi.

Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE tipprovdi xi ftit ta' gwida dwar il-inkompatibilità possibbli ta' xi sistemi attwali ta' responsabbilità in solidum mal-obbligi skont il-liġi tal--UE. Fis-sentenza tagħha tal-każ Wolff-Müller[70], il-Qorti ddikjarat li l-iskema ta' responsabbilità (katina) Ġermaniża għall-ħlas tal-pagi minimi taħt ċerti kondizzjonijiet tista' titqies bħala miżura ġġustifikata, filwaqt li skema Belġjana ta' responsabbilità konġunta għad-dejn fuq it-taxxa (pagi) tqieset mhux proporzjonata u għalhekk inkompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' provvista ta' servizzi[71].

Il-proposta attwali fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-obbligi tal-kuntrattur u r-responsabbilità (in solidum) għal dak li għandu x'jaqsam mal-konformità tal-patti u l-kondizzjonijiet rilevanti ta' impjieg tal-ħaddiema stazzjonati minn subkuntratturi (l-*Artikolu 12).* L-attenzjoni hija fuq miżuri preventivi, ikkombinati flimkien mal-possibilità għalll-Istati Membri li jixtiequ jżommu jew jimplimentaw sistemi b'medda ħafna aktar wiesgħa ta' responsabbilità in solidum jew f'katina.

Id-dispożizzjonijiet huma limitati għas-settur tal-kostruzzjoni, kif iddefinit mil-lista ta' attivitajiet inklużi fl-Anness tad-Direttiva 96/71. L-istazzjonament minn aġenziji ta' xogħol temporanju huwa inkluż, kemm-il darba huwa mmirat lejn attivitajiet fis-settur tal-kostruzzjoni. Iżda, l-Istati Membri jistgħu, jekk jixtiequ, jestendu dawn id-dispożizzjonijiet għal setturi oħrajn.

Dan il-pakkett bilanċjat ta' miżuri għandu jirrifletti biżżejjed il-varjetà u d-diversità ta' sistemi attwali fil-livell nazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jiġi evitat li jiżdied il-piż amministrattiv mhux meħtieġ jew mhux iġġustifikat fuq il-kumpaniji. Barra minn hekk, il-kumpaniji ma għandhomx jassumu r-responsabbilitajiet ta' awtoritajiet pubbliċi biex jivverifikaw l-applikazzjoni ta' liġijiet tax-xogħol minn kumpaniji oħra. Iżda, bi qbil mal-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, l-aġir u l-governanza responsabbli

---

67 Ara l-istudju 'Liability in subcontracting processes in the European construction sector' (Ir-Responsabbiltà fil-proċessi ta' subkuntrattar fis-settur tal-kostruzzjoni Ewropea) imwettaq mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol fl-2008. http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0894.htm.

68 Studju dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-proċessi ta' subkontrattar fl-Unjoni Ewropea, Università ta' Gent, 2012. Ir-riżultati preliminari finali ġew ikkunsidrati.

69 Sentenza tal-25.10.2001, każ C-49/98.

70 Sentenza tat-12.10.2004, każ C-60/03

71 Sentenza tad-9.11.2006, każ C-433/04, Il-Kummissjoni vs il-Belġju.

tan-negozju għandhom tal-inqas jeħtieġu minnhom li jwettqu d-diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskjufl-għażla tas-subkontratturi. Hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-ġestjoni tar-riskju proporzonat tista' tkun utli fin-negozju[72].

Il-proposta għal din id-Direttiva għandha approċċ komprensiv fil-konfront tal-infurzar, inkluż it-tħeġġiġ tal-għarfien (informazzjoni aħjar), mekkaniżmi ta' infurzar mill-Istat (spezzjonijiet u sanzjonijiet) u mekkaniżmi privati ta' infurzar tal-liġi (obbligazzjoni in solidum). L-aspetti kollha huma importanti għal approċċ bilanċjat. Id-dgħajfin ta' wieħed mill-aspetti jimplika t-tisħiħ ta' aspetti oħra ta' infurzar biex jinkiseb riżultat simili. Għalhekk, l-aspetti kollha ġew inklużi fil-proposta b'mod ibbilanċjat. Is-sistema proposta ta' obbligazzjoni *in solidum* hija limitata għal sitwazzjonijiet diretti ta' subkuntrattar fis-settur tal-kostruzzjoini fejn ġew irrappurtati l-aktar il-każijiet ta' nuqqas ta' ħlas tal-pagi. Il-kuntratturi li jkunu ntrabtu b'obbligi tad-diliġenza dovuta ma jistgħux jinżammu responsabbli skont l-Artikolu 12(1).. L-obbligazzjoni *in solidum* huwa mekkaniżmu ta' awtoregolamentazzjoni bejn l-aġenti privati u huwa sistema ħafna inqas restrittiva u iktar proporzjonata minn sistemi alternattivi possibbli bħall-intervent pur tal-istat permezz ta' spezzjonijiet u sanzjonijiet.

### *3.4.7. Infurzar transkonfinali ta' multi amministrattivi u sanzjonijiet*

Minħabba n-natura transnazzjonali tal-istazzjonament, l-għarfien reċiproku u l-infurzar ta' multi u sanzjonijiet b'mod partikolari fil-pajjiż fejn tkun stabbilita l-kumpanija li tistazzjona l-ħaddiema temporanjament fi Stat Membru ieħor huma kruċjali. In-nuqqas ta' għarfien reċiproku u ta' strument ta' infurzar komuni ġie identifikat bħala wieħed li jikkawża problemi u diffikultajiet prattiċi ewlenin ta' infurzar[73].

Parti mill-problema hija kkawżata mill-fatt li n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont id-Direttiva 96/71/KE huwa ssanzjonat b'mod differenti fl-Istati Membri[74]. F'għadd ta' Stati Membri s-sanzjonijiet imposti huma ta' natura penali jew kriminali, filwaqt li f'oħrajn huma regolati mil-liġi amministrattiva, u wieħed jista' jsib ukoll taħlita tat-tnejn. Iżda, it-talbiet ġustifikattivi marbuta mal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg li jridujkunu konformi magħhom huma l-aktar (jekk mhux kollha) ta' natura ċivili.

L-istrumenti attwali tal-UE jirregolaw sa ċertu punt xi wħud mill-multi u s-sanzjonijiet imposti, inkluż permezz ta' għajnuna reċiproka u l-għarfien reċiproku tagħhom. Pereżempju d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/214/JHA tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-għarfien reċiproku għas-sanzjonijiet finanzjarji[75] tistipula l-għarfien reċiproku ta' sanzjonijiet finanzjarji[76] u għalhekk tiffaċilita l-infurzar transkonfinali tagħhom permezz ta' sistema sempliċi u effettiva. Hija tkopri wkoll l-għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet dwar ksur u taqdi l-għan tal-obbligi ta' implimentazzjoni li jiġu mill-istrumenti adottati skont it-

---

72 'Reclaiming health and safety for all: an independent review of health and safety legislation', (Nirkupraw is-saħħa u s-sigurtà għal kulħadd: analiżi indipendenti tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà) Il-Professur Ragnar E Löfstedt, nov. 2011, Prefazju.

73 Il-Komunikazzjoni "L-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE fl-Istati Membri", COM (2003) 458 finali, 25.7.2003, paġna 20, kif ukoll ir-rapport tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi, SEC (2006) 439, paġni 28/29.

74 Ara għal aktar dettalji l-proġett CIBELES: http://www.mtin.es/itss/web/Sala_de_comunicaciones/Noticias/Archivo_Noticias/2011/11/22112011_not_web_port.html

75 ĠU L 76, 22.3.2005, p. 16.

76 Inklużi multi amministrattivi, kemm-il darba d-deċiżjonijiet involuti jistgħu jiġu appellati f'qorti penali.

Trattati. L-għarfien u l-infurzar ta’ sentenzi fir-rigward ta’ talbiet ġustifikattivi ta’ natura ċivili huma regolati bir-Regolament Brussell I[77].

Għal dak li għandu x’jaqsam ma’ multi u sanzjonijiet ta' natura amministrattiva li jistgħu jiġu appellati fi qrati oħra barra mill-qrati penali, ma jeżistux strumenti simili. Għalhekk, il-Kapitolu VI (l-*Artikoli 13-16)* jistabbilixxi sistema ta’ infurzar transkonfinali ta’ multi amministrattivi u sanzjonijiet bħal dawn. Is-sistemi stabbiliti għall-irkupru ta’ talbiet ta’ sigurtà soċjali bir-Regolament 987/2009[78] u għal talbiet fiskali bid-Direttiva 2010/24/UE[79] ntużaw bħala sors ta’ ispirazzjoni. Is-sistema IMI se tintuża għall-għajnuna reċiproka u l-kooperazzjoni meħtieġa bejn l-awtoritajiet kompetenti.

Dan il-Kapitolu ma għandux l-għan li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kooperazzjoni ġudizjarja, il-ġurisdizzjoni, jew l-għarfien u l-infurzar ta' deċiżjonijiet f’affarijiet ċivili u kummerċjali, jew li jittratta l-liġi applikabbli. Bl-istess mod, strumenti oħra tal-UE li jirregolaw affarijiet bħal dawn f’termini ġenerali jibqgħu applikabbli.

### *3.4.8. Dispożizzjonijiet finali - Penalitajiet*

L-Artikolu 17 fih id-dispożizzjoni standard għall-penalitajiet fil-każ ta’ nuqqas ta’ konformità, li għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi (Artikolu 17). L-effettività teħtieġ li s-sanzjoni tkun xierqa biex jinkiseb l-għan mixtieq, jiġifieri l-osservanza tar-regoli. Il-proporzjonalità teħtieġ li s-sanzjoni tkun tal-istess qies mal-gravità tal-imġieba u l-effetti tagħha u ma għandhiex taqbeż dak li huwa meħtieġ biex tinkiseb il-mira. Id-dissważjoni teħtieġ li s-sanzjonijiet jikkostitwixxu deterrent xieraq għal dawk li fil-ġejjieni jistgħu jikkommettu r-reat.

Il-bażi legali xierqa għall-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni tas-Suq Intern (‘IMI’) bħala s-sistema elettronika ta’ skambju tal-informazzjoni għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni amministrattiva hija stipulata fl-Artikolu 18, filwaqt li l-Artikolu 19 fih l-emendi tekniċi meħtieġa għar-Regolament tal-IMI.

---

77 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22.12.2000 dwar ġuriżdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ĠU L 12, 16.1.2001. Ara r-Regolament (KE) nru. 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21.4.2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati, ĠU L 143, 30.4.2004

78 Tas-16 ta’ Settembru 2009 li jistipula l-proċedura għar-Regolament ta’ implimentazzjoni (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta’ sigurtà soċjali, ĠU L 284, 30.10.2009, b'mod partikolari l-Artikoli 75-85.

79 Tas-16 ta’ Marzu 2010 dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta’ talbiet relatati ma’ taxxi, dazji u miżuri oħra ĠU L 84, 31.3.2010.

# 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta mistennija li jkollha implikazzjoniet għall-baġit tal-UE. L-ispejjeż għall-għotjiet (proġetti, seminars, skambju ta' prassi tajba eċċ) ta' żewġ miljun EUR kif ukoll għall-Kumitat ta' Esperti dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema ta' EUR 0,264 miljuni fis-sena se jiġu koperti minn PROGRESS (2013) u l-Programm għat-Tibdil Soċjali u l-Innovazzjoni (2014-2010). L-ispejjeż ta' EUR 0,5 miljuni għal studju ta' evalwazzjoni ex-post fl-2016 se jkunu koperti mill-Programm għat-Tibdil Soċjali u l-Innovazzjoni. L-ispejjeż għar-riżorsi umani ta' EUR 0,232 miljuni u infiq ieħor amministrattiv (spejjeż ta' vvjaġġar EUR 0,01 miljuni; konferenzi tal-partijiet interessati kull sentejn EUR 0,36 miljuni) se jiġu koperti taħt l-intestatura 5 tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali. Id-dettalji huma spjegati fid-dikjarazzjoni finanzjarja mehmuża ma' din il-proposta.

2012/0061 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 53(1) u 62 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ttrażmettew l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[80]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[81],

Wara li kkonsultaw l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-moviment liberu tal-ħaddiema, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà tal-provvista ta' servizzi huma prinċipji fondamentali tas-suq intern fl-Unjoni mnaqqxa fit-Trattat. L-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji hija żviluppata aktar mill-Unjoni bl-għan li jkunu ggarantiti kondizzjonijiet ekwi għan-negozju u rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema.

(2) Il-moviment liberu tal-ħaddiema jagħti lil kull ċittadin id-dritt li jmur liberament fi Stat Membru ieħor biex jaħdem u jirrisjedi hemm għal dak l-għan u jipproteġih mid-diskriminazzjoni fir-rigward ta' impjieg, remunerazzjoni u kondizzjonijiet oħra tax-xogħol meta mqabbla ma' dawk li għandhom in-nazzjonalità ta' dak l-Istat Membru. Jeħtieġ li jkun distint mil-libertà ta' provvista ta' servizzi li tinkludi d-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor u li f'dan ir-rigward jistgħu jibagħtu

[80] ĠU C , , p. .
[81] ĠU C , , p. .

("jistazzjonaw") lill-ħaddiema tagħhom temporanjament biex jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu dawn is-servizzi hemmhekk.

(3) Għal dak li għandu x'jaqsam ma' ħaddiema stazzjonati temporanjament biex iwettqu xogħol biex jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor li mhux dak li normalment iwettqu xogħlhom fih, id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi[82] tistabbilixxi nukleu ta' patti u kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg iddefiniti b'mod ċar li jridu jiġu rispettati minn min jipprovdi s-servizz fl-Istat Membru li fih iseħħ l-istazzjonament biex jiġi żgurat il-ħarsien minimu tal-ħaddiema stazzjonati kkonċernati.

(4) Sabiex jiġi pprevenut, evitat u miġġieled it-tidwir mar-regoli applikabbli u/jew l-abbuż tagħhom mill-kumpaniji li jieħdu vantaġġ b'mod mhux xieraq jew b'qerq mil-libertà ta' provvista ta' servizzi mnaqqxa fit-Trattat u/jew l-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71/KE l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-kunċett ta' stazzjonament għandhom jitjiebu.

(5) Għalhekk, l-elementi fattwali kostitwenti li jikkaratterizzaw in-natura temporanja inerenti fil-kunċett ta' stazzjonament, li jimplika li min jimpjega għandu jkun ġenwinament stabbilit fl-Istat Membru li minnu joriġina l-istazzjonament, kif ukoll ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 96/71/EC u r-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obblikazzjonijiet kuntrattwali (minn issa 'l quddiem 'Ir-Regolament Ruma I')[83] jeħtieġ li jkunu ċċarati.

(6) Bħal fil-każ tad-Direttiva 96/71/EC, din id-Direttiva ma għandhiex tkun ta' ħsara għall-applikazzjoni tal-liġi li, skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Ruma I, tapplika għall-kuntratti individwali ta' impjieg, jew l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali[84] u r-Regolament Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [85].

(7) Ir-rispett għad-diversità tas-sistemi nazzjonali tar-relazzjonijiet industrijali kif ukoll l-awtonomija tas-sħab soċjali hija espliċitament rikonoxxuta mit-Trattat[86].

(8) It-trejdjunijs għandhom rwol importanti fil-kuntest tal-istazzjonament tal-ħaddiema għall-provvista tas-servizzi billi s-sħab soċjali jistgħu, b'konformità mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali, jiddeterminaw il-livelli differenti (b'mod alternattiv jew simultanju) tar-rati ta' pagi minimi applikabbli[87].

(9) Għall-fini li jiġi żgurat li ħaddiem stazzjonat jirċievi l-paga ġusta u l-konċessjoinijiet ipprovduti speċifiċi għall-istazzjonament, u kemm-il darba l-konċessjonijiet jistgħu

[82] ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1.
[83] ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
[84] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
[85] ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.
[86] L-Artikolu 152 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
[87] Ara s-sentenza tal-15.04.2008, il-każ C-268/06, l-Impatt, partikolarment il-punti 123 u 129.

jitqiesu parti mir-rati minimi tal-paga, dawn il-konċessjonijiet għandhom jitnaqqsu biss mill-pagi jekk il-liġi nazzjonali, il-ftehim kollettiv u/jew il-prassi tal-Istat Membru li jospita jistipulaw dan.

(10) L-Infurzar u l-implimentazzjoni adegwati u effettivi huma elementi ewlenin fil-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati, filwaqt li infurzar dgħajjef ixekkel l-effettività tar-regoli tal-Unjoni applikabbli f'dan il-qasam. Kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri hija għalhekk essenzjali, mingħajr ma jiġi njorat ir-rwol importanti tal-ispettorati tax-xogħol u l-imsieħba soċjali f'dan ir-rigward.

(11) Il-fiduċja reċiproka, l-ispirtu ta' kooperazzjoni,djalogu kontinwu u fehim reċiproku huma essenzjalif'dan ir-rigward.

(12) Sabiex ikun hemm applikazzjoni aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE, huwa xieraq li tiġi stipulata sistema ta' skambju ta' informazzjoni elettronika biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni amministrattival-awtoritajiet kompetenti għandhom

(13) jużaw is-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI) kemm jista' jkun. Iżda dan ma għandhux iżomm l-applikazzjoni ta' ftehimiet bilaterali jew arranġamenti dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.Il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri għandha tkun konformi mar-regoli dwar il-ħarsien tad-dejta personali stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE, u fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI), għandha wkoll tkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta[88] u r-Regolament (UE) xxx (ir-Regolament IMI) dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI)".

(14) L-obbligi tal-Istati Membri li jagħmlu disponibbli b'mod ġenerali l-informazzjoni dwar il-patti u l-kondizzjonijiet tal-impjieg u li jipprovdu aċċess effettiv għaliha, mhux biss għal dawk li jipprovdu s-servizzi minn Stati Membri oħra, iżda wkoll lill-ħaddiema stazzjonati kkonċernati, għandhom jiġu aktar ikkonkretizzati.

(15) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod li bih dawk li jipprovdu u dawk li jirċievu jiġu pprovduti b'informazzjoni rilevanti aċċessibbli faċilment, preferibbilment billi din l-informazzjoni tkun aċċessibbli permezz ta' websajt konformi mal-istandards tal-aċċessibbiltà tal-web. Tali websajts għandhom jinkludu, b'mod partikolari, kull websajt stabbilita skont il-leġiżlazzjoni tal-UE bil-għan li tkun promossa l-intraprenditorija u/jew l-iżvilupp tas-servizzi transkonfinali.

(16) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni ġusta tar-regoli sostanzjali dwar il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg li jridu jiġu rrispettati fir-rigward tal-ħaddiema stazzjonati, u biex tiġi kkontrollata l-konformità magħhom, l-Istati Membri għandhom japplikaw biss ċerti miżuri ta' kontroll jew formalitajiet amministrattivi lill-impriżi li jistazzjonaw il-ħaddiema għall-provvista tas-servizzi. Dawn il-miżuri u rekwiżiti jistgħu jiġu imposti biss kemm-il darba l-awtoritajiet kompetenti ma jistgħux iwettqu

88 ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

l-ħidma tagħhom ta’ kontroll b’mod effettiv mingħajr l-informazzjoni meħtieġa u l-informazzjoni neċessarja ma tistax tinkiseb faċilment minn min jimpjiega lill-ħaddiema stazzjonati jew mill-awtoritajiet fl-Istat Membru ta’ fejn huwa stabbilit dak li jipprovdi s-servizz fi żmien raġonevoli u/jew miżuri inqas restrittivi ma jiżgurawx li jinkisbu l-objettivi tal-miżuri ta’ kontroll nazzjonali meqjusa meħtieġa.

(17) Sistema komprensiva ta’ miżuri preventivi u ta' kontroll, flimkien ma' sanzjonijiet deterrenti biex jiġu identifikati u prevenuti każijiet individwali ta’ xogħol awtonomu jew status ta’ bla ħlas fażulli, għandha tikkontribwixxi biex jiġi miggieled l-impjieg moħbi b’mod effettiv.

(18) Biex tkun żgurata applikazzjoni aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-eżegwibbiltà tagħha fil-prattika, u biex jonqsu, kemm jista’ jkun, id-differenzi fil-livell ta’ applikazzjoni u infurzar mal-Unjoni kollha, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitwettqu spezzjonijiet effettivi u xierqa fuq it-territorju tagħhom.

(19) L-ispettorati nazzjonali tax-xogħol, l-imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħra ta’ monitoraġġ huma ta’ importanza kbira f’dan ir-rigward u għandhom jibqgħu jkollhom rwol kruċjali.

(20) Sabiex tiġi ttrattata b’mod flessibbli d-diversità tas-swieq tax-xogħol u tas-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali, b’mod ta’ eċċezzjoni, aġenti u/jew istituzzjonijiet oħra jistgħu jikkontrollaw ċerti patti u kondizzjonijiet tal-impjieg tal-ħaddiema stazzjonati kemm-il darba dawn joffru lill-persuni kkonċernati grad ekwivalenti ta’ ħarsien u jeżerċitaw il-kontroll tagħhom b’mod mhux diskriminatorju u oġġettiv.

(21) L-awtoritajiet ta’ ispezzjoni tal-Istati Membri u istituzzjonijiet oħra rilevanti ta’ monitoraġġ u infurzar għandhom jagħmlu użu mill-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni stipulati fil-leġiżlazzjoni rilevanti biex jivverifikaw jekk ir-regoli applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati ġewx irrispettati.

(22) L-Istati Membri huma b'mod partikolari mħeġġa jintroduċu approċċ iktar integrat għall-ispezzjonijiet tax-xogħol. Il-ħtieġa li jiġu żviluppati standards komuni sabiex jiġu stabbiliti metodi komparabbli, il-prassi u l-istandards minimi fil-livell tal-Unjoni għandhom bl-istess mod jiġu eżaminati.

(23) Biex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta’ din id-Direttiva 96/71/KE u tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva tagħha, għandu jkun hemm mekkaniżmi effettivi ta’ kwerela li permezz tagħhom il-ħaddiema stazzjonati jistgħu jressqu kwereli fi proċedimenti jew direttament jew permezz ta’ partijiet terzi nnominati rilevanti, bħal trejdjunjins jew assoċjazzjonijiet oħra kif ukoll istituzzjonijiet komuni ta’ msieħba soċjali. Dan tal-aħħar huwa mingħajr ħsara għar-regoli nazzjonali ta’ proċedura dwar ir-rappreżentanza u d-difiża fil-qrati

(24) Fid-dawl tal-prevalenza tas-subkuntrattar fis-settur tal-kostruzzjoni u biex id-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati jkunu mħarsa, jeħtieġ li jkun żgurat li tal-inqas il-kuntrattur li l-impjegatur tiegħu huwa subkuntrattur dirett jista’ jinżamm responsabbli li jħallas lill-ħaddiema stazzjonati r-rati minimi netti ta’ paga dovuta, xi pagamenti b’lura ta’ ħlas li ma sarx u/jew kontribuzzjonijiet dovuti lil fondi komuni jew lil istituzzjonijiet ta' msieħba soċjali regolati bil-liġi jew bi ftehim kollettiv sakemm dawn huma koperti bl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 96/71/KE flimkien ma' min jimpjega jew minfloku. Il-

kuntrattur ma għandux jinżamm risponsabbli jekk hu/hi jkun eżerċita/tkun eżerċitat id-diliġenza dovuta. Tal-aħħar jista' jimplika miżuri ta' prevenzjoni li jikkonċernaw il-prova pprovduta mis-subkuntrattur, inkluż fejn rilevanti msejsa fuq l-informazzjoni ġejja mill-awtoritajiet nazzjonali.

(25) F'każijiet speċifiċi kuntratturi oħra jistgħu, skont il-liġi nazzjonali u l-prassi, jinżammu wkoll responsabbli għal nuqqas ta' rispett tal-obbligi skont din id-Direttiva jew ir-responsabbiltà tagħhom tista' tkun limitata, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali jew settorjali.

(26) L-obbligu li jiġi impost rekwiżit ta' responsabbiltà fuq il-kuntrattur meta s-subkuntrattur dirett li jipprovdi s-servizz ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor, l-istazzjonament tal-ħaddiema huwa ġġustifikat fl-interess ġenerali tal-pubbliku dwar il-ħarsien soċjali tal-ħaddiema. Dawn il-ħaddiema stazzjonati jistgħu ma jkunux fl-istess sitwazzjoni bħall-ħaddiema impjegati minn subkuntrattur dirett stabbilit fl-Istat Membru tal-istabbiliment tal-kuntrattur fir-rigward tal-possibbiltà li wieħed jiddikjara pagi dovuti jew pagamenti b'lura ta' taxxi jew ta' kontribuzżzjonijiet tas-sigurtà soċjali miżmuma bla bżonn.

(27) Id-diskrepanzi bejn is-sistemi tal-Istati Membri għal dak li għandu x'jaqsam mal-mezzi ta' infurzar ta' multi amministrattivi u/jew sanzjonijiet f'sitwazzjonijiet transkonfinali huma ta' ħsara għat-tħaddim tajjeb tas-Suq Intern u hemm riskju li jkun diffiċli ħafna, jekk mhux impossibbli tiżgura li l-ħaddiema stazzjonati jgawdu minn livell ekwivalenti ta' ħarsien mal-Unjoni kollha.

(28) L-infurzar effettiv tar-regoli sostanzjali li jirregolaw l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi għandu jkun żgurat b'azzjoni speċifika li tiffoka fuq l-infurzar transkonfinali ta' multi u sanzjonijiet amministrattivi. L-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri f'dan il-qasam hija għalhekk prerekwiżit essenzjali sabiex jiġi żgurat livell ħolistiku ogħla, aktar ekwivalenti u komparabbli ta' ħarsien għat-tħaddim xieraq tas-suq intern.

(29) L-adozzjoni ta' regoli komuni għall-għajnuna u l-appoġġ reċiproċi speċifiċi li jridu jintużaw għal miżuri ta' infurzar u spejjeż assoċjati għal affarijiet bħal dawn, kif ukoll l-adozzjoni ta' rekwiżiti uniformi għan-notifika ta' deċiżjonijiet marbuta ma' sanzjonijiet u multi amministrattivi imposti, għandhom isolvu għadd ta' problemi ta' infurzar transkonfinali prattiċi u jiggarantixxu notifika aħjar u infurzar aħjar ta' deċiżjonijiet bħal dawn li jkunu ġejjin minn Stat Membru ieħor.

(30) Minkejja t-twaqqif ta' regoli aktar uniformi fir-rigward ta' infurzar transkonfinali ta' sanzjonijiet u multi u l-ħtieġa għal kriteriji aktar komuni għal proċeduri ta' segwitu f'każ ta' nuqqas ta' ħlas tagħhom, dawn ma għandhomx jaffettwaw il-kompetenzi tal-Istati Membri biex jiddeterminaw is-sistema tagħhom ta' penalitajiet, sanzjonijiet u multi jew il-miżuri ta' rkupru li jeżistu skont il-leġiżlazzjoni interna tagħhom.

(31) Din id-Direttiva ma għandhiex fil-mira tagħha li tistabbilixxi regoli armonizzati għall-kooperazzjoni ġudizzjarja, għall-ġurisdizzjoni, jew ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, jew li tittratta l-liġi applikabbli.

(32) L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi stipulati f'din id-Direttiva, inklużi proċedimenti amministrattivi u ġudizjarji, u

għandhom jistipulaw sanzjonijiet effettivi, dissważivi u proporzjonati għal xi ksur tal-obbligi skont din id-Direttiva.

(33) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-aktar il-ħarsien tad-dejta personali (l-Artikolu 8), il-libertà tal-għażla ta’ okkupazzjoni u d-dritt tax-xogħol, (l-Artikolu 15), il-libertà ta' tmexxija ta’ negozju (l-Artikolu 16), id-dritt għan-negozjar u azzjoni kollettiva (l-Artikolu 28), kondizzjonijiet ekwi u ġusti (l-Artikolu 31), u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust, (l-Artikolu 47) u trid tiġi implimentata skont dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(34) Billi l-għan ta’ din id-Direttiva, jiġifieri li jitwaqqaf qafas komuni ġenerali ta’ dispożizzjonijiet xierqa, miżuri u mekkaniżmi ta’ kontroll meħtieġa għal implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE fil-prattika, ma jistax jinkiseb b’mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista’ għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista’ tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Bi qbil mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f’dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkiseb dak l-għan.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

# KAPITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Suġġett*

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ġenerali komuni ta’ dispożizzjonijiet xierqa, miżuri u mekkaniżmi ta’ kontroll meħtieġa għal implimentazzjoni, applikazzjoni u infurzar aħjar u aktar uniformi tad-Direttiva 96/71/KE fil-prattika, inklużi miżuri ta’ prevenzjoni u sanzjoni ta’ abbuż u tidwir tar-regoli applikabbli.

Din id-Direttiva għandha l-għan li tiggarantixxi r-rispett għal livell xieraq ta’ ħarsien minimu tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati għall-provvista transkonfinali tas-servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà ta’ provvista tas-servizzi għal dawk li jipprovdu s-servizzi u ġġib 'il quddiem kompetizzjoni ġusta fost dawk li jipprovdu s-servizzi.

2. Din id-Direttiva ma għandha taffettwa bl-ebda mod l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u mil-liġi tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew ta’ azzjonijiet oħra koperti bis-sistemi speċifiċi ta’ relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, bi qbil mal-liġi u l-prassi nazzjonali. Lanqas ma taffettwa d-dritt li wieħed jinnegozja, jikkonkludi u jinforza ftehimiet kollettivi u li jieħu azzjoni kollettiva skont il-liġi u l-prassi nazzjonali.

*Artikolu 2*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva,

(a) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità maħtura minn Stat Membru biex twettaq funzjonijiet skont din id-Direttiva;

(b) "awtorità li tagħmel talba" tfisser l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li tagħmel talba għal għajnuna, informazzjoni, notifika jew irkupru dwar penalità jew multa kif imsemmi fil-Kapitolu V;

(c) "awtorità mitluba" tfisser l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li lilha ssir talba għal għajnuna, informazzjoni, notifika jew irkupru.

*Artikolu 3*
*Prevenzjoni tal-abbuż, u t-tidwir mar-regoli*

1. Għall-fini tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw l-elementi fattwali li jikkaratterizzaw l-attivitajiet imwettqa minn impriża fl-Istat li fih tkun stabbilita sabiex jiddeterminaw jekk ġenwinament twettaqx attivitajiet sostanzjali, apparti mill-ġestjoni pura interna u/jew attivitajiet amministrattivi. Dawn l-elementi jistgħu jinkludu:

   (a) il-post fejn l-impriża għandha l-uffiċċju reġistrat u l-amministrazzjoni tagħha, tokkupa l-ispazju ta' uffiċċju, tħallas it-taxxi, għandha l-liċenzja professjonali jew hija reġistrata mal-kamra tal-kummerċ jew entitajiet professjonali,

   (b) il-post fejn jiġu ngaġġati l-ħaddiema stazzjonati,

   (c) il-liġi applikabbli għall-kuntratti konklużi mill-impriża mal-ħaddiema tagħha, min naħa, u mal-klijenti tagħha, min-naħa l-oħra,

   (d) il-post fejn l-impriża twettaq l-attività sostanzjali ta' negozju tagħha u fejn timpjega persunal amministrattiv,

   (e) l-għadd limitat, mhux normali, ta' kuntratti mwettqa u/jew id-daqs ta' fatturat imwettaq fl-Istat Membru tal-istabbiliment.

   L-evalwazzjoni ta' dawn l-elementi għandha tiġi adattata għal kull każ speċifiku u għandha tqis in-natura tal-attivitajiet imwettqa min-naħa tal-impriża fl-Istat Membru fejn hija stabbilita.

2. Sabiex issir evalwazzjoni ta' kemm ħaddiem stazzjonat temporanjament iwettaq ix-xogħol tiegħu/tagħha fi Stat Membru li mhux dak li fih normalment jaħdem/taħdem, l-elementi kollha fattwali li jikkaratterizzaw dan ix-xogħol u s-sitwazzjoni tal-ħaddiem se jiġu eżaminati..
   Dawn l-elementi jistgħu jinkludu jekk:

   (a) ix-xogħol jitwettaq għal perjodu limitat ta' żmien fi Stat Membru ieħor;

(b) l-istazzjonament iseħħ lejn Stat Membru ieħor li mhux dak li fih jew li minnu l-ħaddiem stazzjonat normalment iwettaq ħidmietu skont ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 u/jew il-Konvenzjoni ta' Ruma;

(c) il-ħaddiem stazzjonat imurx lura jew hux mistenni li jerġa' jibda jaħdem fl-Istat Membru mnejn ikun ġie stazzjonat wara tmiem ix-xogħol jew il-provvista ta' servizzi li minħabba fihom huwa kien stazzjonat;

(d) l-iskariġġ, l-ikel u l-alloġġ/l-akkomodazzjoni humiex pprovduti jew hemmx rimborż għalihom minn min iħaddem u jistazzjona l-ħaddiem, u jekk ikun il-każ, kif dan iseħħ; kif ukoll

(e) xi perjodi preċedenti li fihom kien imtela l-post mill-istess ħaddiem jew minn ħaddiem ieħor (stazzjonat).

L-elementi fattwali kollha li tagħhom hemm lista hawn fuq huma fatturi indikattivi fl-evalwazzjoni komplessiva li trid ssir u għalhekk ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat. Il-kriterji għandhom jiġu adottati għal kull każ speċifiku u għandhom jikkunsidraw l-ispeċifiċitajiet tas-sitwazzjoni.

# KAPITOLU II
# AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI

*Artikolu 4*
*Rwol tal-uffiċċji ta' kollegament*

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u/jew mal-prassi nazzjonali, jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar, u din tista' tinkludi l-uffiċċju(i) ta' kollegament imsemmi/imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE.

Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna regolarment il-lista tal-awtoritajiet kompetenti u tal-uffiċċji ta' kollegament.

*Artikolu 5*
*Aċċess aħjar għall-informazzjoni*

1 L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE li jridu jiġu applikati u rrispettati minn min jipprovdi s-servizz tkun disponibbli għal kulħadd b'mod ċar u li jiftiehem u aċċessibbli faċilment, anki mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, f'formati u skont standards tal-web li jiżguraw aċċess għal persuni b'diżabbiltajiet u li jiżguraw li l-uffiċċji ta' kollegament jew il-korpi nazzjonali l-oħrajn imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE jkunu f'qagħda li jwettqu ħidmiethom b'mod effettiv.

2 Biex ikun hemm iktar titjib fir-rigward tal-aċċess għat-tagħrif, l-Istati Membri għandhom:

(a) jindikaw b'mod ċar, iddettaljat u li jista' jintuża minn kulħadd mingħajr diffikultà u f'format aċċessibbli fuq il-websajts nazzjonali liema patti u kondizzjonijiet ta' impjieg u/jew liema partijiet tal-leġiżlazzjoni (nazzjonali u/jew reġjonali) tagħhom iridu jiġu applikati għall-ħaddiema stazzjonati fit-territorju tagħhom;

(b) jieħdu l-miżuri meħtieġa biex l-informazzjoni dwar liema ftehimiet kollettivi huma applikabbli (u għal min) tkun disponibbli fuq is-siti tal-internet b'mod ġenerali, u liema patti u kondizzjonijiet ta' impjieg iridu jiġu applikati minn dawk li jipprovdu s-servizz minn Stati Membri oħra skont id-Direttiva 96/71/KE; li b'dan, fejn ikun possibbli, għandhom ikunu pprovduti ħolqiet għal siti eżistenti tal-internet u punti ta' kuntatt, b'mod partikolari l-imsieħba soċjali rilevanti;

(c) jagħmlu l-informazzjoni disponibbli għall-ħaddiema u għal dawk li jipprovdu s-servizz f'lingwi oħra li mhumiex dik/dawk nazzjonali tal-pajjiż li fih is-servizzi jiġu pprovduti, jekk huwa possibbli, fi ktejjeb fil-qosor li jindika l-kondizzjonijiet ta' xogħol ewlenin applikabbli u fuq talba f'format aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà;

(d) jtejbu l-aċċessibilità tal-informazzjoni u ċ-ċarezza tal-informazzjoni pprovduta fil-websajts nazzjonali;

(e) jindikaw, jekk ikun possibbli, persuna ta' kuntatt fl-uffiċċju ta' kollegament inkarigat li jittratta t-talbiet għall-informazzjoni;

(f) iżommu l-informazzjoni pprovduta fid-dokumenti tal-pajjiż aġġornata.

3. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-Istati Membri f'dan il-qasam.

4. Fejn, skont il-liġi, it-tradizzjonijiet u l-prassi nazzjonali, il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg imsemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE huma stabbiliti fi ftehimiet kollettivi skont il-paragrafi 1 u 8 tal-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imsieħba soċjali għandhom jidentifikawhom u jagħmlu l-informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari li tirrigwarda r-rati ta' pagi minimi differenti u l-elementi kostitwenti tagħhom, il-metodu użat għall-kalkolu tal-ħlas dovut u l-kriterji ta' kwalifika għall-klassifikazzjoni fil-kategoriji ta' paga differenti, , disponibbli b'mod aċċessibbli u trasparenti għal dawk li jipprovdu s-servizz minn Stati Membri oħra u għall-ħaddiema stazzjonati.

# KAPITOLU III
# KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

*Artikolu 6*
*Għajnuna reċiproka —— prinċipji ġenerali*

1. L-Istati Membri għandhom jaħdmu b'kooperazzjoni ma' xulxin mill-qrib u jipprovdu għajnuna reċiproka biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar fil-prattika ta' din id-Direttiva.

2. Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri għandha b'mod partikolari tikkonsisti f' li jintwieġbu t-talbiet ta' informazzjoni ġġustifikati u għal twettieq ta' kontrolli, spezzjonijiet u investigazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti għal dak li għandu x'jaqsam ma' sitwazzjonijiet ta' stazzjonament imsemmija fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 96/71/KE, inkluż l-investigazzjoni ta' xi abbużi ta' regoli applikabbli dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema jew każijiet possibbli ta' attivitajiet transnazzjonali mhux leġittimi.

3. Għall-fini ta' tweġib għal xi talba għal għajnuna mill-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi stabbiliti fit-territorju tagħhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-informazzjoni kollha meħtieġa għas-superviżjoni tal-attivitajiet tagħhom skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom.

4. F'każ ta' diffikultà biex tiġi sodisfatta xi talba għal informazzjoni jew biex isiru verifiki, spezzjonijiet jew investigazzjonijiet, l-Istat Membru in kwistjoni għandu jinforma malajr lill-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba minn Stati Membri oħrajn jew mill-Kummissjoni b'mezzi elettroniċi kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn ġimgħatejn minn meta tasal it-talba.

   Għandu jintuża mekkaniżmu speċifiku ta' urġenza għal sitwazzjonijiet speċjali fejn Stat Membru isir jaf dwar ċirkustanzi serji partikolari li jeħtieġu azzjoni urġenti. F'ċirkustanzi bħal dawn l-informazzjoni għandha tintbagħat fi żmien 24 siegħa.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistri fejn iddaħħlu l-fornituri tas-servizzi, u li jistgħu jiġu konsultati mill-awtoritajiet kompetenti fit-territorju tagħhom, jistgħu wkoll ikunu konsultati, skont l-istess kondizzjonijiet, mill-awtoritajiet kompetenti ekwivalenti tal-Istati Membri l-oħrajn.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konfidenzjalità tal-informazzjoni li jiskambjaw. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss fir-rigward tal-kwistjoni(jiet) li għaliha/hom tkun intalbet.

8. Il-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka u l-għajnuna għandhom jingħataw bla ħlas.

9. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jeżaminaw kull diffikultà li tista' tinqala fl-applikazzjoni tal-Artikolu 3 (10) tad-Direttiva 96/71/KE.

*Artikolu 7*
*Ir-Rwol tal-Istat Membru tal-istabbiliment*

1. L-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi għandu jkompli jikkontrolla, jimmonitorizza u jieħu l-miżuri meħtieġa ta' sorveljanza jew infurzar, skont il-liġi, il-prassi u l-proċeduri amministrattivi nazzjonali, fir-rigward tal-ħaddiema stazzjonati fi Stat Membru ieħor.

2. Fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 3 (1) u (2) u l-Artikolu 9 (1), l-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi għandu jgħin lill-Istat Membru fejn iseħħ l-istazzjonament biex jiżgura konformità mal-kondizzjonijiet applikabbli skont id-Direttiva 96/71/KE u din id-Direttiva. L-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi għandu, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, jikkomunika lill-Istat Membru fejn iseħħ l-istazzjonament kull informazzjoni rilevanti kif speċifikat fl-Artikoli 3 (1) u (2) u 9(1), fejn l-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizzi jkun jaf b'xi fatti speċifiċi li juru irregolaritajiet possibbli.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti bl-istess mod jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment, għal kull każ ta' servizzi pprovduti jew għal kull fornitur ta' servizz, biex jipprovdu informazzjoni dwar il-legalità tal-istabbiliment tal-fornitur tas-servizz, il-kondotta nadifa tal-fornitur tas-servizz, u l-assenza ta' xi ksur tar-regoli applikabbli. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment għandhom jipprovdu din l-informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.

4. L-obbligu stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ma għandux ifisser dmir min-naħa tal-Istat Membru tal-istabbiliment li jwettaq verifiki u kontrolli fattwali fit-territorju tal-Istat Membru li jospita fejn jiġi provdut is-servizz. Dawn il-verifiki u kontrolli għandhom, jekk ikun meħtieġ, jitwettqu mill-awtoritajiet tal-Istat Membru li jospita fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-istabbiliment, skont l-Artikolu 10 u b'konformità mas-setgħat ta' sorveljanza stipulati fil-liġi, prassi u proċeduri nazzjonali amministrattivi tal-Istat Membru jospita u li jirrispettaw il-liġi tal-Unjoni.

*Artikolu 8*
*Miżuri ta' akkumpanjament*

1. L-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, għandhom jieħdu miżuri komplementari biex jiżviluppaw, jiffaċilitaw u jġibu 'l quddiem l-iskambju bejn l-uffiċjali inkarigati mill-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-għajnuna reċiproka, kif ukoll il-monitoraġġ tal-konformità u l-infurzar tar-regoli applikabbli.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa għall-appoġġ finanzjarju sabiex ittejjeb aktar il-kooperazzjoni amministrattiva u żżid il-fiduċja reċiproka permezz ta' proġetti, inklużi l-promozzjoni ta' skambji ta' uffiċjali rilevanti u t-taħriġ, , kif ukoll jiżviluppaw jiffaċilitaw u jġibu 'l quddiem inizjattivi tal-aqwa prassi, inklużi dawk

tal-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni, bħall-iżvilupp u l-aġġornament ta' bażijiet ta' dejta jew websajts konġunti li fihom informazzjoni ġenerali jew speċifika għal xi settur dwar patti u kondizzjonijiet ta' impjieg li jridu jiġu rispettati.

# KAPITOLU IV
# MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ

*Artikolu 9*
*Miżuri ta' kontroll nazzjonali*

1. L-Istati Membri jistgħu jimponu biss ir-rekwiżiti amministrattivi u l-miżuri ta' kontroll li ġejjin:

(a) obbligu fuq min jipprovdi servizz stabbilit fi Stat Membru ieħor biex jagħmel stqarrija sempliċi lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli mhux aktar tard minn meta tibda l-provvista tas-servizz, l-istqarrija tista' tkopri biss l-identità tal-fornitur tas-servizz, il-preżenza ta' ħaddiem stazzjonat wieħed jew aktar li jkun identifikabbli b'mod ċar, kemm huwa mistenni jibqa' u l-post tal-preżenza tiegħu u s-servizzi li jiġġustifikaw l-istazzjonament;

(b) obbligu li jinżammu jew ikunu disponibbli u/jew ikunu fil-possess kopji stampati jew b'forma elettronika tal-kuntratt ta' impjieg (jew dokument ekwivalenti skont it-tifsira tad-Direttiva 91/533, inkluża, fejn xieraq jew rilevanti, l-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva), riċevuti tal-paga, reġistri tal-ħinijiet u prova ta' ħlas ta' pagi jew kopji ta' dokumenti ekwivalenti matul il-perjodu ta' stazzjonament f'post aċċessibbli u identifikat b'mod ċar fuq it-territorju tiegħu, bħall-post tax-xogħol, jew il-post ta' kostruzzjoni,jew għall-ħaddiema mobbli fis-settur tat-trasport il-bażi tal-operazzjonijiet jew il-vettura li biha jiġi pprovdut is-servizz;

(c) traduzzjoni tad-dokumenti msemmija fil-punt (b) tista' tkun iġġustifikata, kemm-il darba dawn id-dokumenti ma jkunux twal b'mod eċċessiv u jkunu dokumenti li għalihom ġeneralment jintużaw formoli standard;

(d) obbligu ta' nomina ta' persuna ta' kuntatt biex jinnegozja, jekk ikun meħtieġ, f'isem min iħaddem mal-imsieħba soċjali rilevanti fl-Istat Membru fejn iseħħ l-istazzjonament, skont il-leġiżlazzjoni u l-prassi nazzjonali, matul il-perjodu li fih jiġu pprovduti s-servizzi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet marbuta mal-istazzjonament tal-ħaddiema jistgħu jinħelsu faċilment mill-intrapriżi, mill-bogħod u kemm jista' jkun b'mezzi elettroniċi.

3. Fi żmien tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 20, , għandu jiġi eżaminat mill-ġdid kemm hija meħtieġa u xierqa l-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' kontroll fid-dawl tal-esperjenzi mas-sistema għall-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni, kif ukoll l-effikaċja tagħha, l-iżvilupp ta' dokumenti aktar uniformi u standardizzati, it-twaqqif ta' prinċipji komuni jew ta' standards għall-ispezzjonijiet

fil-qasam tal-istazzjonamemnt tal-ħaddiema kif ukoll żviluppi teknoloġiċi, bil-ħsieb li jiġu proposti, fejn xieraq, xi emendi jew modifikazzjonijiet meħtieġa.

*Artikolu 10*
*Spezzjonijiet*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mekkaniżmi xierqa ta' kontroll u monitoraġġ u li jitwettqu spezzjonijiet effettivi u xierqa fit-territorju tagħhom sabiex jikkontrollaw u jimmonitorjaw il-konformità mad-dispożizzjonijiet u r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 96/71/KE u jiggarantixxu l-applikazzjoni xierqa tagħha u l-infurzar. Dawn l-ispezzjonijiet għandhom jissejsu fuq evalwazzjoni tar-riskju li trid issir mill-awtoritajiet kompetenti regolarment. L-evalwazzjoni tar-riskju għandha tidentifika s-setturi ta' attività li fihom l-impjieg tal-ħaddiema stazzjonati għall-provvista tas-servizzi huwa kkonċentrat fit-territorju tagħhom. Hija u ssir evalwazzjoni tar-riskju bħal din, it-twettiq ta' proġetti kbar infrastrutturali, il-problemi speċjali u l-ħtiġijiet ta' setturi speċifiċi, ir-rapporti dwar xi ksur fl-imgħoddi, kif ukoll il-vulnerabilità ta' ċerti gruppi ta' ħaddiema għandhom jiġu kkunsidrati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet u l-kontrolli ta' konformità mad-Direttiva 96/71/KE ma jkunux diskriminatorji u/jew sproporzjonati.

3. Jekk tintalab xi informazzjoni matul l-ispezzjonijiet u fid-dawl tal-kriterji fl-Artikolu 3, l-Stat Membru fejn is-servizz huwa pprovdut u l-Stat Membru tal-istabbiliment għandhom jaġixxu skont ir-regoli dwar il-kooperazzjoni amministrattiva, jiġifieri l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw skont ir-regoli u l-prinċipji stipulati fl-Artikoli 6 u 7.

4. Fl-Istati Membri fejn, skont il-liġi u l-prassi nazzjonali, it-twaqqif tal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema stazzjonati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE, u b'mod partikolari r-rati minimi ta' paga, inkluż il-ħin tax-xogħol, jitħalla f'idejn il-ġestjoni fil-livell xieraq u suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati mill-Istati Membri, ir-responsabbilità għall-kontroll u r-rispett tal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg rilevanti tal-ħaddiema stazzjonati kemm-il darba livell xieraq ta' ħarsien ekwivalenti għal dak li jirriżulta mid-Direttiva 96/71/KE u din id-Direttiva jiġi ggarantit.

5. L-Istati Membri fejn l-ispettorati tax-xogħol ma għandhomx kompetenza fir-rigward tal-kontroll u l-monitoraġġ tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u/jew il-patti u kondizzjonijiet ta' impjieg tal-ħaddiema stazzjonati jistgħu, b'mod ta' eċċezzjoni, wara li jikkonsultaw l-imsieħba soċjali fil-livell nazzjonali, jistabbilixxu jew iżommu arranġamenti li jiggarantixxu r-rispett ta' dawn il-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg, kemm-il darba l-arranġamenti joffru lill-persuni kkonċernati grad xieraq ta' ħarsien ekwivalenti għal dak li jirriżulta mid-Direttiva 96/71/KE u din id-Direttiva.

# KAPITOLU V
# L-INFURZAR

*Artikolu 11*
*Difiża tad-drittijie t—–faċilitar ta' ilmenti —– ħlasijiet b'lura*

1. Għall-infurzar tal-obbligi skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 96/71/KE u din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li hemm mekkaniżmi effettivi li permezz tagħhom il-ħaddiema stazzjonati jistgħu jressqu l-ilmenti direttament kontra dawk li jimpjegawhom, kif ukoll id-dritt li jieħdu proċedimenti ġudizjarji jew amministrattivi, ukoll fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkunu jew kienu stazzjonat il-ħaddiema li jħossu li ġarrbu nuqqas jew ħsara bħala riżultat ta' nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli, anke wara li tkun spiċċat ir-relazzjoni li fiha jiġi allegat li sar in-nuqqas.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr ħsara għall-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri kif stabbilit, b'mod partikolari, fl-istrumenti rilevanti tal-liġi tal-Unjoni u/jew il-konvenzjonijiet internazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-trejdjunjins u partijiet terzi oħrajn, bħal assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet u entitajiet legali oħra li għandhom, skont il-kriterji stabbiliti mil-liġi nazzjonali tagħhom, interess leġittimu li jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jiġu osservati, jistgħu jkunu involuti, għan-nom jew b'sostenn tal-ħaddiema stazzjonati jew ta' min jimpjegahom, bl-approvazzjoni tagħhom, f'kull proċediment ġudizzjarju jew amministrattiv stipulat bl-objettiv ta' implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u/jew l-infurzar tal-obbligi skont din id-Direttiva.

4. Il-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw mingħajr ħsara għar-regoli nazzjonali dwar skadenzi ta' preskrizzjoni jew limiti ta' żmien biex iressqu azzjonijiet bħal dawn.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-mekkaniżmi meħtieġa biex il-ħaddiema stazzjonati jkunu jistgħu jirċievu

   (a) kull remunerazzjoni mhux imħallsa li skont il-patti u l-kondizzjonijiet applikabbli ta' impjieg koperti bl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE kellha tkun dovuta;

   (b) rimborż ta' spejjeż eċċessivi fir-rigward tar-remunerazzjoni netta jew il-kwalità tal-akkomodazzjoni miżmuma jew imnaqqsa mill-pagi għall-akkomodazzjoni pprovduta minn min jimpjega.

   Dan il-paragrafu għandu japplika wkoll f'każijiet fejn il-ħaddiema stazzjonati reġgħu lura mill-Istat Membru li fih seħħ l-istazzjonament.

*Artikolu 12*
*Subkuntrattar -— Responsabbiltà in solidum*

1. Fir-rigward tal-attivitajiet imsemmija fl-Anness tad-Direttiva 96/71/KE, għas-sitwazzjonijiet kollha ta' stazzjonament koperti bl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 96/71/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw fuq bażi ta' non-diskriminazzjoni fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet ekwivalenti tal-impjegati tas-subkuntratturi diretti stabbiliti fit-territorju tagħhom, li l-kuntrattur li tiegħu min jimpjega (fornitur tas-servizz jew impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament) huwa subkuntrattur dirett jista', flimkien ma' jew minflok min jimpjega, jinżamm responsabbli mill-ħaddiem stazzjonat u/jew fondi komuni jew istituzzjonijiet ta' imsieħba soċjali għan-nuqqas ta' ħlas ta' dan li ġej:

   (a) kull remunerazzjoni netta li tikkorrispondi għar-rati minimi mhux imħallsa ta' paga u/jew kontribuzzjonijiet dovuti lill-fondi komuni jew istituzzjonijiet ta' imsieħba soċjali sa fejn huwa kopert bl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71/KE;

   (b) xi ħlasijiet b'lura ta' remunerazzjoni mhux imħallsa jew rimborż ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali miżmuma b'mod mhux dovut mis-salarju.

   Ir-responsabbiltà msemmija fil-paragrafu preżenti għandha tkun limitata għad-drittijiet tal-ħaddiema miksuba skont ir-relazzjoni kontrattwali bejn il-kuntrattur u s-subkuntrattur tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li kuntrattur li eżerċita d-diliġenza dovuta ma għandux ikun risponsabbli skont il-paragrafu 1. Sistemi bħal dawn għandhom jiġu applikati b'mod trasparenti, mhux diskriminatorju u proporzjonat. Jistgħu jimplikaw miżuri preventivi li ttieħdu mill-kuntrattur dwar il-prova pprovduta mis-subkuntattur tal-kundizzjoniiet ewlenin tax-xogħol applikati għall-ħaddiema stazzjonati kif spejgat fl-Artikolu 3 (1) tad-Direttiva 96/71.KE, inklużi ir-rendikonti tal-paga u l-pagamenti tas-salarji, skont l-obbligi tas-sigurtà soċjali u/jew tat-tassazzjoni fl-Istat Memrbu ta' stabbiliment u f'konformità mar-regoli applikabbli għall-istazzjonament tal-ħaddiema.

3. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jipprovdu regoli ta' responsabbiltà aktar stringenti skont il-liġi nazzjonali fuq bażi mhux diskriminatorja u proporzjonata fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u l-firxa tar-risponsabbiltà tas-subkuntrattar. L-Istati Membri jistgħu ukoll, f'konformtià mal-liġi tal-Unjoni, jipprovdu għal responsabbiltà baħl din fis-setturi għajr dawk li jinsabu fl-Anness għad-Direttiva 96/71/KE. L-Istati Membri jistgħu f'dawn il-kazijiet jipprovdu li kuntrattur li eżerċita d-diliġenza dovuta kif definit fil-liġi nazzjonali ma għandux ikun responsabbli.

4. Fi żmien tliet snin wara d-data msemmija fl-Artikolu 20, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu bil-ħsieb li tipproponi, fejn xieraq, kull emenda jew modifika meħtieġa.

# KAPITOLU VI
# INFURZAR TRANSKONFINALI TA' SANZJONIJIET U MULTI AMMINISTRATTIVI

*Artikolu 13*
*Prinċipji ġenerali -—għajnuna reċiproka u għarfien*

1. Mingħajr ħsara għall-mezzi li huma jew jistgħu jkunu stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-prinċipji ta' għajnuna reċiproka u għarfien, kif ukoll miżuri u proċeduri stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-infurzar transkonfinali ta' multi u sanzjonijiet amministrattivi imposti għal nuqqas ta' konformità mar-regoli applikabbli fi Stat Membru fuq fornitur ta' servizz stabbilit fi Stat Membru ieħor.

2. L-awtorità li tagħmel it-talba tista', skont il-liġijiet, ir-regolamenti u l-prassi amministrattiva fis-seħħ fl-Istat Membru tagħha stess, titlob lill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor biex tirkupra sanzjoni jew multa jew tinnotifika deċiżjoni dwar l-impożizzjoni ta' penalità jew multa, sakemm huwa possibbli li l-liġijiet, ir-regolamenti u l-prassi amministrattiva rilevanti fis-seħħ fl-Istat Membru tal-awtorità li ssirilha t-talba jippermettu azzjoni bħal din għal talbiet jew deċiżjonijiet simili.

L-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li jagħmel it-talba għandha tiżgura li t-talba għall-irkupru ta' penalità jew multa jew in-notifika ta' deċiżjoni li timponi penalità jew multa sseħħ skont ir-regoli fis-seħħ f'dak l-Istat Membru, filwaqt li l-awtorità kompetenti li ssirilha t-talba għandha tiżgura li l-irkupru jew in-notifika fl-Istat Membru li ssirlu t-talba tiġi effettwata skont il-liġijiet nazzjonali, ir-regolamenti u l-prassi amministrattiva fis-seħħ f'dan tal-aħħar.

L-awtorità li tagħmel it-talba tista' ma tagħmilx talba għall-irkupru ta' penalità jew multa jew notifika ta' deċiżjoni li timponi penalità jew multa jekk u kemm-il darba l-multa jew is-sanzjoni, kif ukoll it-talba sottostanti u/jew l-istrument li jippermetti l-infurzar tagħha fl-Istat Membru li jagħmel it-talba huma kkuntestati f'dak l-Istat Membru.

*Artikolu 14*
*Talba għal irkupru, informazzjoni jew notifika*

1. B'segwitu għat-talba mill-awtorità li tagħmel it-talba ta' rkupru ta' penalità jew multa jew notifika ta' deċiżjoni li timponi penalità jew multa, l-awtorità li ssirilha t-talba għandha tipprovdi kull informazzjoni u għajnuna reċiproka li tkun utli lill-awtorità li tagħmel it-talba fl-irkupru ta' multa u/jew ta' sanzjoni, kif ukoll, sa fejn huwa possibbli, għat-talba sottostanti.

It-talba għal informazzjoni dwar l-irkupru ta' sanzjoni jew multa, kif ukoll in-notifika ta' deċiżjoni dwar affarijiet bħal dawn għandha tal-inqas turi

(a) l-isem u l-indirizz magħruf tad-destinatarju, jiġifieri d-destinatarju, kif ukoll kull dejta rilevanti jew informazzjoni għall-identifikazzjoni tad-destinatarju,

(b) l-għan tan-notifika jew tat-talba għall-irkupru, il-perjodu li fih għandha tiġi effettwata u dati oħra ta' rilevanza għall-proċess ta' infurzar;

(c) deskrizzjoni tan-natura u l-ammont tal-multa jew sanzjoni, kif ukoll it-talba sottostanti li dwarha ssir it-talba, u l-komponenti differenti tagħha;

(d) kull informazzjoni jew dokument rilevanti, inklużi dawk ta' natura ġuridika, li tikkonċerna t-talba, il-multa jew is-sanzjoni u

(e) l-isem, l-indirizz u dettali oħra ta' kuntatt dwar l-awtorità kompetenti responsabbli għall-evalwazzjoni tal-multa u/jew sanzjoni, u, jekk differenti, l-entità kompetenti fejn tista' tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-penalità jew il-multa jew il-possibilitajiet ta' kontestazzjoni tal-obbligu tal-ħlas jew deċiżjoni li timponiha.

2. Għall-fini tal-irkupru ta' penalità jew multa jew notifika ta' deċiżjoni li timponi penalità jew multa fl-Istat Membru li ssirlu t-talba, kull multa jew sanzjoni li dwarha tkun saret talba ta' rkupru jew notifika għandha tiġi ttrattata daqs li kieku kienet multa jew sanzjoni tal-Istat Membru li ssirlu t-talba.

3. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha minnufih tgħarraf lill-awtorità li tagħmel it-talba bl-azzjoni meħuda dwar it-talba tagħha għal notifika jew irkupru u, b'mod aktar speċifiku, bid-data li fiha l-istrument jew deċiżjoni ġiet mgħoddija jew notifikata lid-destinatarju.

L-awtorità li ssirilha t-talba għandha bl-istess mod tgħarraf lill-awtorità li tagħmel it-talba bir-raġunijiet li għalihom tkun ċaħdet xi talba għal informazzjoni, irkupru jew notifika.

*Artikolu 15*
*Sospensjoni tal-proċedura*

1. Jekk, fil-proċess tal-irkupru jew notifika, il-multa, is-sanzjoni u/jew it-talba sottostanti jiġu kkontestati mill-fornitur tas-servizz ikkonċernat jew minn parti interessata, il-proċedura ta' infurzar transkonfinali tal-multa jew penalità imposta għandha tiġi sospiża sakemm tittieħed deċiżjoni mill-awtorità nazzjonali xierqa fis-suġġett.

L-awtorità li tagħmel it-talba għandha mingħajr dewmien tinnotifika din il-kontestazzjoni lill-awtorità li ssirilha t-talba.

2. Tilwim dwar il-miżuri ta' infurzar li ttieħdu fl-Istat Membru li ssirlu t-talba jew dwar il-validità ta' notifika li tkun saret minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ssirlu t-talba għandhom jitressqu quddiem l-entità kompetenti jew l-awtorità ġudizjarja ta' dak l-Istat Membru skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.

*Artikolu 16*
*Spejjeż*

1. L-awtorità li ssirilha t-talba għandha tirrimborża lill-awtorità li tagħmel it-talba l-ammonti rkuprati fir-rigward tal-multi jew penalitajiet imsemmija f'dan il-Kapitolu.

   L-awtorità li ssirilha t-talba tista' tirkupra l-ammonti mingħand il-persuna fiżika jew ġuridika kkonċernata u żżomm l-ispejjeż eventwali li ġġarrab marbuta mal-irkupru, skont il-liġijiet u r-regolamenti u l-proċeduri jew prassijiet amministrattivi tal-Istat Membru tal-parti li ssirilha t-talba li japplikaw għal talbiet simili.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jagħmlu talbiet mingħand xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż li jirriżultaw minn kwalunkwe għajnuna reċiproka li huma jagħtu lil xulxin skont din id-Direttiva jew li jirriżultaw mill-applikazzjoni tagħha.

   Fejn l-irkupru joħloq problema partikolari jew jikkonċerna ammont kbir ħafna fi spejjeż, l-awtoritajiet li jagħmlu t-talba u dawk li ssirilhom it-talba jistgħu jiftiehmu dwar arranġamenti speċifiċi ta' rimborż għall-każ(ijiet) kkonċernat/i.

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru li jagħmel it-talba għandha tibqa' responsabbli lejn l-Istat Membru li ssirlu t-talba għal kwalunkwe spiża u telf imġarrba bħala riżultat ta' azzjonijiet kkunsidrati bħala mhux iġġustifikati, f'termini tas-sustanza tal-multa jew penalità, il-validità tal-istrument maħruġ mill-awtorità li tagħmel it-talba għall-fini tal-infurzar u/jew xi miżuri ta' prekawzjoni meħuda mill-awtorità li tagħmel it-talba.

# KAPITOLU VII
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 17*
*Penalitajiet*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penalitajiet applikabbli fil-każ ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati u li jkun hemm konformità magħhom. Il-penalitajiet stipulati għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn[….. id-data ta' traspożizzjoni]. Huma għandhom jinnotifikawlhom mingħajr dewmien kull emenda sussegwenti.

*Artikolu 18*
*Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern*

1. Il-kooperazzjoni amministrattiva u l-għajnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri stipulati fl-Artikoli 6, 7, 10(3), 13, 14 u 15 għandhom

jiġu implimentati permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI), stabbilita permezz ta' [referenza għar-Regolament IMI][89].

2. L-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw arranġamenti dwar kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom fir-rigward tal-applikazzjoni u l-monitoraġġ tal-patti u l-kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/EC, sa fejn dawn l-arranġamenti ma jaffettwawx b'mod ħażin id-drittijiet u l-obbligi tal-ħaddiema u l-kumpaniji kkonċernati.

3. Fil-kuntest tal-arranġamenti bilaterali msemmija fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jużaw l-IMI kemm jista' jkun. F'kull każ, fejn awtorità kompetenti f'wieħed mill-Istati Membri kkonċernat ikun uża l-IMI, għandha tintuża għal kull azzjoni ta' segwitu meħtieġa u għandu jkollha preċedenza fuq il-mekkaniżmu(i) previst(i) fi ftehim bilaterali bħal dan fir-rigward tal-kooperazzjoni amministrattiva u l-għajnuna reċipr

*Artikolu 19*
*Emenda għal [Regolament IMI]*

Il-punt li jmiss għandu jiżdied mal-Anness I ta' *[Regolament IMI]*:

1. Id-Direttiva 96/71/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi[90]: Artikolu 4;

2. Id-Direttiva xxxx/xx/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas ta' forniment tas-servizzi[91]: Artikoli 6, 7, 10(3)**,** 13, 14 u 15.

*Artikolu 20*
*Traspożizzjoni*

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tagħha. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-

---

89 L-IMI hija applikazzjoni onlajn sigura li tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jikkomunikaw malajr u faċilment mal-kontropartijiet tagħhom barra mill-pajjiż. Ġiet iffinanzjata bil-programm IDABC (Interoperable Delivery of European eGovernment Services to public administrations, businesses and citizens) (Twassil Interoperabbli tas-Servizzi Ewropej tal-eGvern lill-amministrazzjonijiet pubbliċi, in-negozji u ċ-ċittadini). Ara l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar Is-Suq Intern ('Ir-Regolament 'IMI'), COM (2011) 522 final, 29.8.2011

90 ĠU L18, 21.1.1997.

91 Referenza ĠU

pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 21*
*Rapport*

Mhux iktar tard minn ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u tagħmel proposti xierqa fejn ikun hemm bżonn.

*Artikolu 22*
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu 23*
*Destinatarji*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 21.3.2012

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(I) fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Objettiv(i)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul u impatt finanzjarju

1.7. Metodu(i) ta’ gestjoni previst(i)

### 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Regoli ta’ monitoraġġ u ta’ rrappurtar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

### 3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja(i) baġitarja(i) affettwata(i)

3.2. Stima tal-impatt fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-istima tal-impatt fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibilità mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

*3.2.5. Sehem ta’ partijiet terzi fil-finanzjament*

3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titlu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE li tikkonċerna l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista tas-servizzi |

### 1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB[92]

| |
|---|
| Impjieg, solidarjetà soċjali<br><br>Politika ta' Suq Uniku:<br><br>Suq Intern għas-servizzi |

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni ġdida li ssegwi proġett bi prova/azzjoni preparatorja**[93]

☒ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata **ma' azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. L-objettiv(i) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

| |
|---|
| Kontribut lejn il-miri Ewropej tal-2020:<br>-Promozzjoni ta' aktar parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol<br>- Żvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew, sikur, flessibbli u mobbli<br>Koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika<br>Ħolqien ta' qafas ta' regolamentazzjoni effettiv għas-suq intern għas-servizzi, abbażi ta' evidenza soda, għall-benefiċċju tal-konsumaturi u n-negozju |

*1.4.2. L-objettiv(i) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernata/i*

| |
|---|
| Objettiv speċifiku Nru. 1(EMPL): |

92 ABM: Activity-Based Management (Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività) – ABB: Activity-Based Budgeting (Ibbaġitjar Skont l-Attività).

93 Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

| |
|---|
| Twettiq ta' applikazzjoni effettiva tal-liġi tal-UE dwar kwistjonijiet marbuta mal-liġi dwar is-saħħa u s-sikurezza u dik tax-xogħol fl-Istati Membri kollha<br><br><u>Objettiv speċifiku Nru. 3(EMPL):</u><br><br>Tisħiħ tal-isħubiji effettivi ma' partijiet interessati pan-Ewropej b'appoġġ ta' riżultati marbuta mal-impjieg u l-oqsma ta' politika ta' solidarjetà soċjali<br><br><u>Objettiv speċifiku Nru 1(MARKT):</u><br><br>Twettiq dwar l-Att tas-Suq Uniku u l-promozzjoni tal-iżvilupp tan-negozju soċjali<br><br><u>Objettiv speċifiku Nru. 12(MARKT):</u><br><br>Żvilupp tal-potenzjal sħiħ tas-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI) b'appoġġ tal-implimentazzjoni mtejba tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq uniku<br><br><u>L-attività/attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernata/i</u><br><br>Impjieg, solidarjetà soċjali (EMPL)<br><br>Politika ta' Suq Uniku (MARKT)<br><br>Suq Intern għas-servizzi (MARKT) |

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| 1. Ħarsien aħjar tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati<br>– Titjib tal-informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati<br>– Biex il-ħaddiema stazzjonati jkunu jistgħu jiddefendu aħjar id-drittijiet tagħhom, inkluż fil-katini ta' subkuntrattar<br>– Iċċarar tar-rwol tal-imsieħba soċjali f'attivitajiet ta' infurzar<br>– Titjib tal-monitoraġġ u l-infurzar tal-kondizzjonijiet tax-xogħol<br>2. Iffaċilitar tal-provvista ta' servizzi transkonfinali u titjib tal-klima ta' kompetizzjoni ġusta<br>– Stipulazzjoni ta' definizzjoni aktar preċiża ta' stazzjonament<br>– Titjib tal-informazzjoni dwar l-obbligi tal-impriżi fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema stazzjonati<br>– Stipulazzjoni għaċ-ċarezza dwar rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll nazzjonali<br>– Titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli |

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u l-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva*

Ġaladarba s-sustanza tal-azzjoni fil-ġejjieni tkun iċċarata, il-Kummissjoni flimkien mal-Kumitat tal-Esperti dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema (ECPW) se jiżviluppaw sett ta' indikaturi li jkopru aspetti rilevanti tat-tħaddim tad-Direttiva. Il-proposta inizjali għal-lista ta' indikaturi li jridu jiġu mistħarrġa hija din li ġejja (wara kull indikatur hemm is-sors tal-informazzjoni): (i) l-għadd ta' tfittxijiet ta' websajts nazzjonali tal-istazzjonament (ipprovduti mill-Istati Membri) (ii) l-għadd ta' proġetti ta' kooperazzjoni inter-pajjiż dwar l-istazzjonament promossi mill-awtoritajiet nazzjonali jew mill-imsieħba soċjali (Stati Membri); (iii) l-għadd ta' talbiet magħmula permezz tal-applikazzjoni speċjali IMI għall-istazzjonament (Kummissjoni); (iv) l-għadd ta' każijiet ta' tilwim fil-qrati nazzjonali (Stati Membri); (v) perċentwali ta' spezzjonijiet li jwasslu għas-sanzjonijiet (Stati Membri). Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tiġbor dejta amministrattiva dwar l-istazzjonament abbażi tad-dejta tas-sigurtà soċjali. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-frekwenza tal-użu, dawn l-indikaturi se jiġu ppreżentati regolarment u diskussi fl-ECPW, u se jiffurmaw ukoll parti mis-sett ta' indikaturi li jridu jintużaw fl-evalwazzjoni msemmija hawn taħt.

## 1.5. Raġuni(jiet) għall-proposta/inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfatt(i) fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

Il-proposta se jkollha l-għan li ttejjeb u ssaħħaħ l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar fil-prattika tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema, inklużi miżuri ta' prevenzjoni u ta' sanzjoni ta' kull abbuż jew tidwir mar-regoli applikabbli.

Se tindirizza nuqqasijiet dwar l-informazzjoni għal min iħaddem u l-ħaddiema stazzjonati, f'azzjoni ta' kontroll, monitoraġġ u infurzar u dwar il-kooperazzjoni amministrattiva. Se tindirizza rekwiżiti amministrattivi mhux meħtieġa u miżuri ta' kontroll imposti fuq dawk li jipprovdu s-servizz, il-ħarsien tal-ħaddiema stazzjonati f'tilwim dwar il-kondizzjonijiet individwali ta' impjieg tagħhom, sitwazzjonijiet li fihom l-istazzjonament ma għadux aktar ta' natura temporanja jew huwa ta' tip rotattiv jew li fihom min jimpjega ma għandux rabta ġenwina mal-Istat Membru li jibgħat.

Biex tagħmel hekk, l-inizjattiva se tintroduċi dispożizzjonijiet aktar preċiżi dwar l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar tad-Direttiva, inkluż il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati kif ukoll aktar kriterji biex jiġu ċċarati l-elementi kostitwenti tal-kunċett ta' stazzjonament biex b'hekk tikkumbatti t-tidwir mar-regoli u l-abbuż minnhom.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-problemi identifikati huma marbuta mal-objettivi stabbiliti bl-Artikolu 3(3) tat-TUE u l-Artikoli 56 u 151 tat-TFUE. Il-problemi identifikati ġejjin minn nuqqas ta' ċarezza tal-qafas legali attwali fil-livell tal-UE. Id-Direttiva attwali li tħalli lill-Istati Membri ħafna wisa' fir-rigward tal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar fil-prattika kif ukoll tentattivi li saru qabel biex jiġu indirizzati problemi permezz ta' miżuri mhux vinkolanti ma kinux biżżejjex biex isolvu l-problemi identifikati. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-problemi attwali jiġu indirizzati fil-livell tal-UE biex jinkisbu aħjar l-objettivi tat-Trattat.

*1.5.3. Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

It-tentattivi li saru qabel għas-soluzzjoni tal-problemi ta' implimentazzjoni u infurzar fil-prattika tad-Direttiva dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema b'mezzi mhux leġiżlattivi ma laħqux l-objettivi tagħhom. Dawn il-kwistjonijiet ġew indirizzati permezz ta' linji gwida interpretattivi fl-2006. Eżerċizzju ta' monitoraġġ fl-2007 wera li kien hemm għadd ta' nuqqasijiet. Il-Komunikazzjoni rispettiva pprovdiet aktar punti ċari għall-Istati Membri. Fl-2008, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni[94] li għamlet sejħa lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni urġenti biex itejbu s-sitwazzjoni tal-ħaddiema stazzjonati permezz ta' kooperazzjoni aħjar bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali, għal skambju ta' informazzjoni aktar effettiv bejn l-Istati Membri u aċċess aħjar għall-informazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prassi.

Mill-2009 'l hawn il-Kummissjoni nediet bosta studji ta' evalwazzjoni ex-post: Studju dwar l-effetti ekonomiċi u soċjali marbuta mal-fenomenu tal-istazzjonament tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea; Studju dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea (li jkopri 12-il Stat Membru); Studju komplementari dwar l-aspetti legali tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-provvista ta' servizzi fl-Unjoni Ewropea (li jkopri 15-il Stat Membru); Studju dwar il-ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema fil-proċessi ta' subkontrattar fl-Unjoni Ewropea (għaddej bħalissa).

Sabiex titħejja l-Istima tal-Impatt twettaq studju ta' evalwazzjoni ex-ante minn konsulent estern fl-2011 : Studju ta' tħejjija għal Stima tal-Impatt dwar ir-reviżjoni possibbli tal-qafas leġiżlattiv dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi

Dawn l-istudji reċenti kkonfermaw li għad hemm numru ta' problemi identifikati.

*1.5.4. Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti oħrajn rilevanti*

Drittijiet fundamentali: Il-proposta hija konsistenti mal-istrateġija tad-drittijiet fondamentali tal-UE, COM(2010) 573 finali.

Strateġija Ewropea 2020: L-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjieg ġewwa l-istrategija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u soċjalment inklużiv (Ewropa 2020).

Att dwar is-Suq Uniku: Din l-inzjattiva hija waħda minn tnax-il strument identifikati mill-Kummissjoni biex tirfed it-tkabbir u ssaħħaħ il-fiduċja taċ-ċittadini fis-Suq Uniku. Il-proposta se tiffaċilita b'mod partikolari l-provvista tas-servizzi transkonfinali u ttejjeb il-klima tal-kompetizzjoni ġusta. Din l-inizjattiva tippermetti l-isfruttament tal-potenzjal ta' tkabbir tal-istazzjonament tal-ħaddiema bħala element ewlieni tal-provvista tas-servizzi fis-Suq Intern. Barra minn hekk, tista' tikkontribwixxi biex jittaffew it-tensjonijiet soċjali u politiċi mqajma mill-kontroversji madwar bosta sentenzi tal-Qorti u l-effetti perċepiti tagħhom fuq is-sistemi tar-relazzjonijiet industrijali.

94 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2008 dwar kooperazzjoni amministrattiva msaħħa fil-kuntest tal-istazzjonament tal-ħaddiema fil-qafas tal-forniment tas-servizzi, ĠU C 85, 4.4.2008, p. 1-4.

| |
|---|
| L-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar: Sal-punt li l-biċċa l-kbira tal-impriżi li jistazzjonaw il-ħaddiema huma SMEs, u li din l-inzjattiva għandha l-għan li tiffaċilita l-provvista tas-servizzi billi tarmonizza l-implimentazzjoni u l-infurzar tad-Direttiva, u b'hekk toħloq opportunitajiet favorevoli għan-negozju transkonfinali, hija konformi mal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar.<br><br>Regolamentazzjoni intelliġenti: L-inizjattiva hija wkoll konformi mal-aġenda ta' Regolamentazzjoni Intelliġenti, maħsuba biex tinkiseb regolamentazzjoni li tkun tal-ogħla kwalità possibbli, bi tħaris sħiħ tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Din il-proposta tissejjes fuq evalwazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni u l-istrateġiji politiċi attwali u tkopri aspetti legali, ekonomiċi u soċjali. Dawn għandhom l-għan li jagħmlu l-leġiżlazzjoni aktar ċara u aktar aċċessibbli u jmexxu l-isforzi tal-Istati Membri u tal-imsieħba soċjali biex jiġi żgurat infurzar aktar effettiv u koerenti tal-leġiżlazzjoni. L-iniżjattiva tqis ir-riżultat tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati, speċjalment l-imsieħba soċjali Ewropej.<br><br>Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern (IMI): L-inizjattiva tipproponi li tuża l-IMI fil-qasam tal-istazzjonament tal-ħaddiema biex itejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri. Hija konformi mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-espansjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-IMI, COM(2011) 75 finali. Hija marbuta mal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni orizzontali dwar l-IMI, COM(2011) 522 finali.<br><br>Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (segwitu PROGRESS): Miżuri li jakkompanjaw, b'mod partikolari proġetti ta' organizzazzjonijiet mhux-governattivi u imsieħba soċjali, se jiġu ffinanzjati permezz ta' sejħa għal proposti skont il-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni tal-UE, COM(2011) 609 finali, b'appoġġ għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni fil-prattika tal-inizjattiva. (Żewġ miljuni EUR fis-sena). |

## 1.6. Tul u Impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☒ Impatt finanzjarju minn 2013 sa 2010

☒L-implimentazzjoni tad-Direttiva huwa ta' żmien illimitat u huwa mistenni li l-programm(i) suċċessur(i) tal-Programm ta' Bidla Soċjali u Innovazzjoni se jkompli jerfa' l-ispejjeż marbuta wara l-2020.

☐ Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2013 sal-2014,

– u warajh tħaddim fuq skala sħiħa

## 1.7. Metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)[95]

☒ **Ġestjoni diretta ċentralizzata** mill-Kummissjoni

☐ **Ġestjoni ċentralizzata indiretta** b'delegazzjoni tal-kompiti ta' implimentazzjoni lil:

– ☐ aġenziji eżekuttivi

– ☐ il-korpi stabbiliti mill-Komunitajiet[96]

– ☐ il-korpi tas-settur pubbliku nazzjonali/il-korpi b'missjoni ta' servizz pubbliku

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni deċentralizzata** ma' pajjiżi terzi

☐ **Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (**iridu jiġu speċifikati**)

*Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

# 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

## 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kondizzjonijiet*

| |
|---|
| Ħames snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni jkun hemm evalwazzjoni kontinwa. L-attenzjoni ewlenija ta' din l-evalwazzjoni tkun li tiġi evalwata l-effikaċja inizjali tad-Direttiva kif modifikata. Ikun hemm enfażi fuq l-analiżi tal-arranġamenti ta' kooperazzjoni mtejba bejn l-Istati Membri u l-kwalità tal-informazzjoni ġġenerata minn dawn l-arranġamenti. Din l-evalwazzjoni se titwettaq mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' esperti esterni. It-termini ta' referenza se jkunu żviluppati mis-servizzi tal-Kummissjoni. Il-partijiet interessati se jkunu infurmati dwar it-termini ta' referenza u se jintalbu jikkumentaw dwarhom permezz tal-Kumitat Espert dwar l-Istazzjonament tal-Ħaddiema (ECPW), u se jkunu wkoll infurmati regolarment dwar il-progress tal-evalwazzjoni u s-sejbiet tagħha. Is-sejbiet se jiġu ppubblikati. |

[95] Id-dettalji dwar il-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit tal-internet tal-baġit (BudgWeb) li ġej: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

[96] Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

### *2.2.1. Riskju(i) identifikat(i)*

Dwar miżuri komplementari skont il-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni: Skont dan il-programm, il-ġestjoni diretta ċentralizzata se tinvolvi l-għoti ta’ għadd ta’ kuntratti u għotjiet għal attivitajiet speċifiċi u l-ħlas ta’ bosta għotjiet lill-organizzazzjonijiet governattivi u mhux governattivi. Ir-riskju prinċipali se jkun marbut mal-kapaċità ta’ (speċjalment) organizzazzjonijiet iżgħar biex jikkontrollaw b’mod effettiv in-nefqa kif ukoll biex jiżguraw it-trasparenza tal-operazzjonijiet imwettqa.

### *2.2.2. Metodu(i) ta’ kontroll previst(i)*

Dwar miżuri komplementari skont il-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni: Se jintużaw il-miżuri ta’ kontroll indikati f’COM(2011) 609 finali.

## 2.3. Miżuri ta’ prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

*Speċifika l-prevenzjoni eżistenti jew maħsuba u l-miżuri ta' protezzjoni.*

Dwar miżuri komplementari skont il-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni: Se jintużaw il-miżuri ta’ prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet indikati f’COM(2011) 609 finali.

## 3. L-IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura(i) tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata

- Linji baġitarji tan-nefqa eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Deskrizzjoni………………………...……] | Diff./mhux diff. (97) | minn pajjiżi[98] tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati[99] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 04.04.01.03 (jista' jvarja bil-programm il-ġdid)[100] PROGRESS (sostitwit mill-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni fl-2014) | Diff | IVA | Iva | Le | LE |
| 1 | 04.01.04.10 (jista' jvarja bil-programm il-ġdid)[101] PROGRESS (sostitwit mill-Programm għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni fl-2014) | mhux diff | IVA | Le | Le | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitlubin

*<u>Skont</u> l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni |
|---|---|---|---|

97 Diff:= Approprjazzjonijiet differenzjati/Non-diff: = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

98 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (European Free Trade Association).

99 Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

100 L-impatt finanzjarju indikat taħt din il-linja baġitarja huwa kopert minn PROGRESS (2013) u l-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (2014-2020, segwitu PROGRESS), COM(2011) 609 finali.

101 L-impatt finanzjarju indikat taħt din il-linja baġitarja huwa kopert minn PROGRESS (2013) u l-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (2014-2020, segwitu PROGRESS), COM(2011) 609 finali.

| finanzjarju multiannwali | Numru [Intestatura...............................................…..] | Diff./mhux diff. | minn pajjiżi tal-EFTA | minn pajjiżi kandidati | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | [XX.YY.YY.YY] | | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

## 3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:** | 1 | **Tkabbir sostenibbli (mill-2014 lil hinn: Tkabbir Intelliġenti u Inklużiv)** |
|---|---|---|

| DĠ: EMPL[102] | | | Sena 2013[103] | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 | **L-AMMONT TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operattivi | | | | | | | | | | | |
| 04.04.01.03 (jista' jvarja bil-programm il-ġdid għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni) | Impenji | (1) | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | **16,000** |
| | Pagamenti | (2) | 0,800 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | 2,000 | **14,800** |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi[104] | | | | | | | | | | | |
| 04.01.04.10 (jista' jvarja bil-programm il-ġdid għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni) | | (3) | 0,264 | 0,264 | 0,264 | 0,764 | 0,264 | 0,264 | 0,264 | 0,264 | **2.612** |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI** | Impenji | =1+1a +3 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **18,612** |

---

102 Għad-dettalji dwar il-fondi ġenerali tal-IMI ara COM(2011) 522 finali (proposta dwar ir-Regolamentazzjoni tal-IMI).

103 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

104 Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| għad-DĠ EMPL | Pagamenti | =2+2a +3 | 1,064 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **17,412** |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operattivi | Impenji | (4) | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **18,612** |
| | Pagamenti | (5) | 1,064 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **17,412** |
| • Approprjazzjonijiet TOTALI ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | | |
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 1** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | =4+ 6 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **18,612** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 1,064 | 2,264 | 2,264 | 2,764 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | 2,264 | **17,412** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali: | 5 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena 2013 | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: EMPL | | | | | | | | | | |
| • Riżorsi Umani | | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | **1,856** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | **1,48** |
| **TOTAL DĠ** EMPL | Approprjazzjonijiet | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | **3,336** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | (Impenji totali = Ħlasijiet totali) | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | **3,336** |

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | Sena 2013 | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Approprjazzjonijiet TOTALI tal-INTESTATURI minn 1 sa 5** tal-qafas finanzjarju multiannwali | Impenji | 2,506 | 2,856 | 2,506 | 3,356 | 2,506 | 2,856 | 2,506 | 2,856 | 21,948 |
| | Pagamenti | 1,306 | 2,856 | 2,506 | 3,356 | 2,506 | 2,856 | 2,506 | 2,856 | 20,748 |

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operattivi*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet operattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta’ approprjazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet tal-impenji f'EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| **Indika l-għanijiet u r-riżultati** | | | Sena 2013 | | Sena **2014** | | Sena **2015** | | Sena **2016** | | Sena **2017** | | Sena **2018** | | Sena **2019** | | Sena **2019** | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RIŻULTATI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip ta’ riżultat[105] | Spiża medja tar-riżultat | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru ta’ riżultati | Spiża | Numru | Spiża | Numru | Spiża |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[106]: Applikazzjoni effettiva tal-liġi tal-UE | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Skambju tal-aqwa prassi, taħriġ, tagħlim reċiproku, bini tal-kapaċità biex titjieb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l- | Proġetti, konferenzi, seminarji, gwidi ta’ prassi tajba (għotjiet) | 0,400 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 5 | 2,000 | 40 | 16,000 |

105 Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu forniti (pereżempju: numru ta’ skambji ta’ studenti ffinanzjati, numru ta’ km ta’ toroq mibnija, eċċ.).

106 Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. “Objettiv(i) speċifiku/ċi…”

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| awtoritajiet nazzjonali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Kumitat espert dwar l-istazzjonament tal-ħaddiema - skambju tal-aħjar prassi biex titjieb il-kooperazzjoni amministrativa | Skambji tal-aħjar prassi | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 1 | 0,264 | 8 | 2,112 |
| Sub-total għall-objettiv speċifiku N°1 | | | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 48 | 18,112 |
| **SPIŻA TOTAL** | | | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 6 | 2,264 | 48 | 18,112 |

*3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

3.2.3.1. Taqsira

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | Sena 2013 [107] | Sena **2014** | Sena **2015** | Sena **2016** | Sena **2017** | Sena **2018** | Sena **2019** | Sena **2020** | **L-AMMONT TOTALI** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | 0,232 | **1,856** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | 0,010 | 0,360 | **1,48** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | | |
| **Barra mill-INTESTATURA 5[108] tal-qafas finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amminsitrattiva | | | | | | | | | |
| **Total parzjali barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas** | | | | | | | | | |

107 Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

108 Għajnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva bħala appoġġ tal-implimentazzjoni tal-programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **finanzjarju multiannwali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AMMONT TOTALI** | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | 0,242 | 0,592 | **3,336** |

3.2.3.2. Ħtiġijiet stmati fir-rigward tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani

– ☒ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-aktar sa punt deċimali wieħed)*

| | | Sena 2013 | Sena 2014 | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Sena 2018 | Sena 2019 | Sena 2020 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi previsti fil-pjan ta' twaqqif (uffiċjali u aġenti temporanji)** | | | | | | | | | |
| XX 01 01 01 (fil-kwartieri ġenerali u fl-uffiċċji ta' rappreżentanza tal-Kummissjoni) (1 AD) | | 127000 | 127000 | 12700 0 | 12700 0 | 127000 | 12700 0 | 12700 0 | 12700 0 |
| XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | | |
| XX 01 05 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | | |
| 10 01 05 01 (Riċerka diretta) | | | | | | | | | |
| **• Impjegati esterni (f'unità Ekwivalenti Full Time: FTE)**[109] | | | | | | | | | |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill- "pakkett globali") (1 SNE) | | 73000 | 73000 | 73000 | 73000 | 73000 | 73000 | 73000 | 73000 |
| XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill- "pakkett globali") (0,5 CA) | | 32000 | 32000 | 32000 | 32000 | 32000 | 32000 | 32000 | 32000 |
| XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | | |
| **XX** 01 04 ***yy*** [110] | - fil-Kwartieri Ġenerali[111] | | | | | | | | |
| | - fid-delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| **XX** 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka indiretta) | | | | | | | | | |
| 10 01 05 02 (CA, INT, SNE - Riċerka diretta) | | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 232000 | 232000 | 23200 0 | 23200 0 | 232000 | 23200 0 | 23200 0 | 23200 0 |

XX huwa l-qasam tal-politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-uffiċjali tad-DĠ li huma diġà assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

[109] CA= Contract Agent (Aġent Kuntrattwali); INT=("*Intérimaire")*(Persunal imqabbad minn Aġenzija*)*; JED= "*Jeune Expert en Délégation"* (Esperti Żgħażagħ f'Delegazzjonijiet); LA= Local Agent (Aġent Lokali) ; SNE= Seconded National Expert (Espert Nazzjonali Ssekondat);

[110] Anqas mil-limitu massimu għall-personal mill-approprjazzjonijiet operattivi (ex linji "BA").

[111] Essenzjalment għall-Fondi Strutturali, Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (EAFRD) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (EFF).

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji (1 AD) | monitoraġġ tat-traspożizzjoni, proċeduri ta' ksur, koordinazzjoni sejħa għal proposti/offerti, koordinazzjoni kooperazzjoni amministrattiva |
| Persunal estern (1 SNE) | appoġġ għall-kooperazzjoni amministrattiva, appoġġ għas-sejħa għal proposti/offerti, evalwazzjoni |
| Persunal estern (0.5 CA) | Ġestjoni ta' għotjiet u kuntratti, relazzjonijiet ma' benefiċjarji ta' għotjiet u kuntratti |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

– ☒ Il-proposta/inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali[112].

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ bħala programmar mill-ġdid, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tirrikjedi l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi.

– Il-proposta/inizjattiva tipprevedi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal l-għadd ta' snin meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-entità ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[112] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena baġitarja attwali | Impatt tal-proposta/inizjattiva[113] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | … daħħal l-għadd ta' kolonni meħtieġ biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …......... | | | | | | | | |

Għad-dħul assenjat mixxellanju, speċifika l-linja(i) tan-nefqa baġitarja affettwata(i).

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

113 F'dak li għandu x'jaqsam mar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, it-taxxi fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara li minnhom jitnaqqsu 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.